# ANNESS I

# SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett
NovoRapid Penfill 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ
NovoRapid FlexPen 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
NovoRapid InnoLet 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kunjett NovoRapid
Kunjett wieħed fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 unità. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

NovoRapid Penfill
Skartoċċ wieħed fih 3 ml ekwivalenti għal 300 unità.Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

NovoRapid FlexPen/NovoRapid InnoLet/NovoRapid FlexTouch
Pinna waħda mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

NovoRapid PumpCart
Skartoċċ wieħed fih 1.6 ml ekwivalenti għal 160 unità. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart* (ekwivalenti għal 3.5 mg).

*Insulina aspart hu magħmul fis-*Saccharomyces cerevisiae* permezz tat-teknoloġija tad-DNA rikombinanti.

Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għall-injezzjoni.

Is-soluzzjoni hija ċara, mingħajr kulur u akweja.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

NovoRapid huwa indikat għall-kura tad-dijabete mellitus fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq.

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

**Pożoloġija**

Il-qawwa tal-analogi tal-insulina, inkluż insulina aspart, hija mfissra f'unitajiet, waqt li l-qawwa tal-insulina umana hija mfissra f'unitajiet internazzjonali.

Id-dożaġġ ta' NovoRapid huwa partikulari għal kull individwu u jiġi stabbilit skont il-ħtiġijiet tal-pazjent. Normalment għandu jiġi użat flimkien ma' insulina li taġixxi b'mod intermedju jew fit-tul.

Barra minn hekk, il-kunjett ta' NovoRapid u NovoRapid PumpCart jistgħu jintużaw għall-infużjoni kontinwa tal-insulina minn taħt il-ġilda (CSII) f'sistemi ta' pompi.

Il-kunjett ta' NovoRapid jista' jintuża wkoll jekk l-għoti minn ġol-vini ta' insulin aspart, minn tobba jew persuni oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa, ikun applikabbli.

Sabiex ikun hemm l-aħjar kontroll gliċemiku possibbli huwa rakkomandat li jkun hemm monitoraġġ tal-glucose fid-demm u aġġustamenti fid-doża tal-insulina.

Il-ħtieġa individwali ta' l-insulina fl-adulti u fit-tfal hija normalment bejn 0.5 u 1.0 unitajiet/kg/jum. F'skeda ta' kura bażilari-bolus , 50–70% ta' din il-ħtieġa tista' tingħata minn NovoRapid u l-bqija mill-insulina li taġixxi b'mod intermedju jew fit-tul.

Jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustament fid-dożaġġ jekk il-pazjenti jżidu l-attività fiżika tagħhom, ibiddlu d-dieta normali tagħhom jew waqt xi mard ieħor li jista' jkollhom.

**Popolazzjonijiet speċjali**

*Anzjani (≥ 65 sena)*
NovoRapid jista' jintuża fl-anzjani.
F'pazjenti anzjani, il-monitoraġġ tal-glukożju għandu jsir b'aktar reqqa u d-dożaġġ ta' insulina aspart aġġustat fuq bażi individwali.

*Indeboliment renali u epatiku*
L-indeboliment renali jew epatiku jista' jnaqqas il-ħtiġijiet tal-pazjent għall-insulina.
F'pazjenti b'indeboliment renali u epatiku, il-monitoraġġ tal-glukożju għandu jsir b'aktar reqqa u d-dożaġġ ta' insulina aspart aġġustat fuq bażi individwali.

*Popolazzjoni pedjatrika*
Fit-tfal u fl-adolexxenti minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta jista' jkun ta' benefiċċju l-fatt li jibda jaħdem aktar malajr, per eżempju, meta tiġi biex tagħti l-injezzjonijiet fir-rigward tal-ikliet (ara sezzjonijiet 5.1 u 5.2)..

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' NovoRapid fit-tfal iżgħar minn sena ma ġewx determinati s'issa.
Dejta mhux disponibbli.

**It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina**

Meta taqleb minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina, jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustamenti fid-doża ta' NovoRapid u fid-doża tal-insulina bażilari. NovoRapid jibda jaħdem aktar malajr u jdum jaħdem inqas minn insulina umana li tinħall. Meta injettat minn taħt il-ġilda fiż-żaqq, jibda jaħdem fi żmien 10–20 minuta mill-injezzjoni. L-effett massimu jidher bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni. Idum jaħdem bejn 3 u 5 sigħat.

Huwa rakkomandat li waqt it-trasferiment u għall-ewwel ftit ġimgħat wara t-trasferiment, ikun hemm monitoraġġ mill-qrib tal-glukożju (ara sezzjoni4.4).

**Metodu ta' kif għandu jingħata**

NovoRapid huwa analogu tal-insulina li jaħdem b'mod rapidu.
NovoRapid jingħata taħt il-ġilda permezz ta' injezzjoni fiż-żaqq, fil-koxxa, fin-naħa ta' fuq tad-driegħ, fiż-żona tad-deltojd jew fiż-żona gluteali. Is-siti tal-injezzjoni għandhom dejjem jinbidlu fl-istess reġjun sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' lipodistrofija u ta' amilojdożi tal-ġilda (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8). Injezzjoni taħt il-ġilda fiż-żaqq tiżgura assorbiment aktar mgħaġġel minn postijiet oħra ta' injezzjoni Meta mqabbel ma' insulina umana li tinħall, NovoRapid jibqa' dejjem jaħdem aktar malajr irrispettivament mis-sit tal-injezzjoni. Iż-żmien kemm idum jaħdem ivarja skont id-doża, il-post tal-

injezzjoni, iċ-ċirkolazzjoni tad-demm, it-temperatura u l-livell ta' attività fiżika.

Peress li jaħdem aktar malajr, ġeneralment NovoRapid għandu jingħata eżatt qabel ikla. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata ftit wara ikla.

Kunjett ta' NovoRapid l/NovoRapid PumpCart

*Infużjoni Kontinwa tal-Insulina minn taħt il-Ġilda (CSII)*

NovoRapid jista' jintuża għas-CSII f'sistemi ta' pompi xierqa għall-infużjoni tal-insulina. CSII għandha tingħata fiż-żaqq. Il-postijiet minn fejn tingħata l-infużjoni għandhom jinbidlu ta' spiss.

Meta jintuża ma' pompa għall-infużjoni tal-insulina, NovoRapid m'għandux jitħallat mal-ebda prodott mediċinali ieħor tal-insulina.

Pazjenti li jużaw CSII għandhom jingħataw istruzzjonijiet dettaljati dwar l-użu tas-sistema tal-pompa, u għandhom jużaw ir-reċipjent u t-tubi korretti għall-pompa (ara sezzjoni 6.6.). Is-sett tal-infużjoni (it-tubi u l-kannula) għandu jinbidel skont l-istruzzjonijiet li hemm fl-informazzjoni dwar il-prodott mogħti mas-sett tal-infużjoni.

Pazjenti li jieħdu NovoRapid bis-CSII għandu jkollhom metodu alternattiv ta' kif tingħata l-insulina f'każ li s-sistema tal-pompa ma taħdimx.

Kunjett ta' NovoRapid

*Għall-użu minn ġol-vini*

Jekk ikun meħtieġ, NovoRapid jista' jingħata minn ġol-vini u dan għandu jsir minn tobba jew persuni oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Għall-użu minn ġol-vini, is-sistemi tal-infużjoni b'NovoRapid 100 unità/ml b'konċentrazzjonijiet minn 0.05 unitajiet/ml sa 1.0 unità/ml insulina aspart fil-fluwidi tal-infużjoni ta' 0.9% sodium chloride, 5% dextrose jew 10% dextrose inkluż 40 mmol/l potassium chloride meta jintużaw boroż tal-infużjoni magħmula mill-polypropylene, huma stabbli f'temperatura ambjentali għal 24 siegħa.

Minkejja li tibqa' stabbli maż-żmien, fil-bidu, xi ammont ta' insulina se tiġi assorbita fil-materjal tal-borża tal-infużjoni. Huwa meħtieġ li l-livell ta' glucose fid-demm jiġi sorveljat waqt l-infużjoni tal-insulina.

*Meta jitħalltu żewġ tipi ta' insulini*

NovoRapid jista' jitħallat biss ma' insulina NPH (Neutral Protamine Hagedorn) f'siringa għall-użu minn taħt il-ġilda. Meta NovoRapid jitħallat ma' insulina NPH, fis-siringa għandu jinġibed l-ewwel NovoRapid u t-taħlita għandha tiġi injettata minnufih wara li jsir it-taħlit. Insulini mħallta m'għandhomx jingħataw minn ġol-vina jew jintużaw f'pompi tal-infużjoni tal-insulina mogħtija minn taħt il-ġilda.

*Meta jingħata b'siringa*

Il-kunjetti ta' NovoRapid qegħdin biex jintużaw ma' siringi tal-insulina li għandhom skala ta' unitajiet taqbel magħhom. Ara wkoll sezzjoni 6.2.

NovoRapid Penfill

*Meta jingħata permezz ta' sistema li tagħti l-insulina*

NovoRapid Penfill hu magħmul biex jintuża ma' sistemi ta' għoti ta' insulina NovoNordisk u labar NovoFine jew NovoTwist. NovoRapid Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda minn pinna li tista' terġa' tintuża. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini, għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' pompa tal-infużjoni, għandu jintuża kunjett jew NovoRapid PumpCart.

NovoRapid FlexPen

*Meta jingħata permezz ta' FlexPen*

NovoRapid FlexPen hija pinna mimlija għal-lest (immarkata b'kuluri differenti) magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u b'tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. FlexPen jagħti minn unità 1-60 unità f'żidiet ta' unità waħda. NovoRapid FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini, għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' pompa tal-infużjoni, għandu jintuża kunjett jew NovoRapid PumpCart.

NovoRapid InnoLet

*Meta jingħata permezz ta' InnoLet*

NovoRapid InnoLet hija pinna mimlija għal-lest magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. InnoLet jagħti minn unità 1–50 unità f'żidiet ta' unità waħda. NovoRapid InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini, għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' pompa tal-infużjoni, għandu jintuża kunjett jew NovoRapid PumpCart.

NovoRapid FlexTouch

*Meta jingħata permezz ta' FlexTouch*

NovoRapid FlexTouch hija pinna mimlija (immarkata b'kuluri differenti) għal-lest u magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. FlexTouch jagħti minn unità 1-80 unità f'żidiet ta' unità waħda. NovoRapid FlexTouch huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini, għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' pompa tal-infużjoni, għandu jintuża kunjett jew NovoRapid PumpCart.

NovoRapid PumpCart

*Meta jingħata permezz ta' Infużjoni Kontinwa tal-Insulina minn taħt il-Ġilda (CSII)*

NovoRapid PumpCart qiegħed biex jintuża biss ma' sistema ta' pompa għall-infużjoni tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump.

CSII għandha tingħata fiż-żaqq. Il-postijiet minn fejn tingħata l-infużjoni għandhom jinbidlu ta' spiss. NovoRapid PumpCart huwa tajjeb biss għal CSII f'sistemi ta' pompi li huma tajbin għall-infużjoni tal-insulina. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini, għandu jintuża kunjett.

Għal istruzzjonijiet dettaljati għall-utent, jekk jogħġbok irreferi għall-fuljett ta' tagħrif.

## 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti (ara sezzjoni 6.1).

## 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Qabel ma jivvjaġġa bejn żoni differenti ta' ħin, il-pazjent għandu jsaqsi għall-parir tat-tabib għax dan jista' jfisser li l-pazjent ikollu jieħu l-insulina u l-ikliet f'ħinijiet differenti.

NovoRapid PumpCart

*L-użu ħażin ta' NovoRapid PumpCart*

In-NovoRapid PumpCart qiegħed biex jintuża biss ma' sistema ta' pompa għall-infużjoni tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u

YpsoPump. M'għandux jintuża ma' apparat ieħor mhux magħmul għal NovoRapid PumpCart, għax dan jista' jirriżulta f'għoti ta' doża ħażina ta' insulina li tista' twassal għal iper jew ipogliċemija.

**Ipergliċemija**

Dożi li mhumiex adegwati jew it-twaqqif tal-kura, speċjalment fid-dijabete tat-tip 1, jista' jwassal għall-ipergliċemija jew ketoaċidożi dijabetika. Is-soltu, l-ewwel sintomi ta' ipergliċemija jiżviluppaw b'mod gradwali fuq perijodu ta' sigħat jew ġranet. Dawn jinkludu għatx, żieda fil-frekwenza ta' urinazzjoni, tqalligħ, rimettar, ħedla, ġilda xotta u tiħmar, ħalq xott, nuqqas ta' aptit u riħa ta' acetone fil-ħalq. Fid-dijabete tat-tip 1, avvenimenti ipergliċemiċi li ma jiġux ikkurati jistgħu jwasslu għal ketoaċidożi dijabetika li tista' tkun fatali.

**Ipogliċemija**

Ikla maqbuża jew eżerċizzju fiżiku iebes mhux mistenni jistgħu jwasslu għall-ipogliċemija.
Speċjalment fit-tfal, wieħed irid joqgħod attent li jippjana d-dożi tal-insulina (speċjalment f'skedi ta' dożaġġ bażali-bolus) mat-teħid tal-ikel, l-attivitajiet fiżiċi u l-livell tal-glukosju kurrenti fid-demm sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' ipogliċemija.

Tista' sseħħ l-ipogliċemija jekk id-doża tal-insulina tkun għolja wisq fir-rigward tal-ħtieġa tal-insulina. F'każ ta' ipogliċemija jew jekk taħseb li jista' jkun hemm xi ipogliċemija, NovoRapid m'għandux jiġi injettat. Wara li l-glukożju fid-demm tal-pazjent ikun ġie lura għan-normal, wieħed għandu jikkunsidra xi aġġustament fid-doża (ara sezzjonijiet 4.8 u 4.9).

Pazjenti li jkollhom titjib kbir fil-kontroll tal-glucose fid-demm, eż., b'kura ta' insulina intensiva, għandhom jiġu avżati li jistgħu jesperjenzaw tibdil fis-sintomi ta' twissija normali tagħhom ta' ipogliċemija. Is-sintomi tas-soltu ta' twissija jistgħu ma jidhrux f'pazjenti li ilhom bid-dijabete għal tul ta' żmien.

Konsegwenza tal-farmakodinamika ta' analogi ta' l-insulina li jaħdmu b'mod malajr hija li jekk isseħħ l-ipogliċemija, din tista' sseħħ aktar kmieni wara l-injezzjoni meta mqabbla ma' insulina umana solubbli.

Peress li NovoRapid għandu jingħata viċin il-ħinijiet ta' l-ikel, il-fatt li jibda jaħdem malajr għandu jiġi kkunsidrat f'pazjenti li fl-istess ħin għandhom xi mard ieħor jew xi trattamenti oħra u li jistgħu jittardjaw l-assorbiment tal-ikel.

Mard konkomitanti, speċjalment infezzjonijiet u kundizzjonijiet ta' deni, ħafna drabi jżidu l-ħtieġa tal-pazjenti għall-insulina. Mard fl-istess ħin fil-kliewi, fil-fwied jew li jaffettwa l-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde jista' jikkawża tibdil fid-doża tal-insulina.

Meta pazjenti jiġu ttrasferiti għal tipi differenti ta' prodotti mediċinali tal-insulina, l-ewwel sintomi ta' twissija ta' l-ipogliċemija jistgħu jinbidlu jew ikunu inqas qawwija minn dawk li kienu jħossu bl-insulina li kellhom qabel.

**It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina**

It-trasferiment ta' pazjent għal tip jew għamla oħra ta' insulina għandu jsir taħt superviżjoni medika stretta. Tibdil fil-qawwa, għamla (manifattur), tip, oriġini ( tal-annimali, insulina umana jew analogu tal-insulina umana) u/jew metodu tal-manifattura (DNA rikombinanti kontra insulina li ġejja mill-annimali) jista' jirriżulta fil-bżonn ta' tibdil fid-doża. Pazjenti trasferiti fuq NovoRapid minn tip ta' insulina oħra jistgħu jkollhom bżonn numru ogħla ta' injezzjonijiet kuljum jew li jkun hemm xi tibdil fid-doża minn dik użata fil-prodotti mediċinali tal-insulina normali tagħhom. Jekk ikun meħtieġ aġġustament, dan jista' jseħħ ma' l-ewwel doża jew waqt l-ewwel ftit ġimgħat jew xhur.

**Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni**

Bħal kull terapija bl-insulina, jista' jkun hemm xi reazzjonijiet fil-post ta' l-injezzjoni u dawn jinkludu uġigħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk. .Li fl-istess żona partikulari jkun hemm tibdil kontinwu tal-post ta' l-injezzjoni jnaqqas ir-riskju li jiżvillupaw dawn ir-reazzjonijiet. Normalment dawn ir-reazzjonijiet imorru wara xi ftit ġranet jew ġimgħat. F'okkażjonijiet rari, minħabba r-reazzjonijiet fil-post ta' l-injezzjoni jista' jkun hemm il-bżonn li NovoRapid jitwaqqaf

<u>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</u>

Il-pazjenti għandhom jingħataw istruzzjonijiet biex iwettqu rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' lipodistrofija u ta' amilojdożi tal-ġilda. Hemm riskju potenzjali ta' assorbiment imdewwem tal-insulina u kontroll gliċemiku aggravat wara l-injezzjonijiet tal-insulina f'siti b'dawn ir-reazzjonijiet. Bidla f'daqqa fis-sit tal-injezzjoni f'parti mhux affettwata ġiet irrappurtata li tirriżulta f'ipogliċemija. Huwa rakkomandat monitoraġġ tal-glukożju fid-demm wara l-bidla fis-sit tal-injezzjoni minn parti affettwata għal parti mhux affettwata, u jista' jiġi kkunsidrat l-aġġustament tad-doża ta' medikazzjonijiet antidijabetiċi.

**It-teħid flimkien ta' NovoRapid ma' pioglitazone**

Ġew irrapportati każijiet ta' insuffiċjenza kardijaka meta ġew użati fl-istess waqt pioglitazone u l-insulina, speċjalment f'dawk il-pazjenti li għandhom fatturi ta' riskju għall-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Wieħed għandu jżomm dan f'moħħu jekk tiġi kkunsidrata l-kura fejn pioglitazone u NovoRapid jintużaw flimkien. Jekk jintużaw flimkien, il-pazjenti għandhom jiġu osservati għal sinjali u sintomi ta' insuffiċjenza kardijaka, żieda fil-piż jew edima. Pioglitazone għandu jitwaqqaf jekk jeħżienu xi sintomi kardijaċi.

**L-evitar ta' taħwid b'mod aċċidentali/żbalji ta' medikazzjoni**

Il-pazjenti għandhom jiġu mgħarrfa biex dejjem jiċċekkjaw it-tikketta tal-insulina sabiex jevitaw xi taħwid b'mod aċċidentali bejn NovoRapid u prodotti oħra tal-insulina.

**Antikorpi kontra l-insulina**

It-teħid tal-insulina jista' jikkawża l-formazzjoni ta' antikorpi kontra l-insulina. F'każijiet rari, minħabba dawn l-antikorpi kontra l-insulina jista' jkun hemm il-bżonn ta' aġġustament fid-doża tal-insulina sabiex tiġi kkorreġuta tendenza ta' iper jew ipogliċemija.

**Traċċabilità**

Sabiex titjib it-traċċabilità ta' prodotti mediċinali bijoloġiċi, l-isem u n-numru tal-lott tal-prodott li ngħata għandhom jitniżżlu b'mod ċar.

**4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni**

Numru ta' prodotti mediċinali huma magħrufa li jinteraġixxu mal-metaboliżmu tal-glucose.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa għall-insulina mill-pazjent:
Prodotti mediċinali orali kontra d-dijabete, inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI), beta-blokkanti, inibituri ta' angiotensin converting enzyme (ACE), saliċilati, sterojdi anaboliċi u sulfonamidi.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jżidu l-ħtieġa għall-insulina mill-pazjent:
Kontraċettivi orali, thiazides, glukokortikojdi ormoni tat-tirojde, simpatomimetiċi, l-ormon tat-tkabbir u danazol.

Imblokkaturi tar-riċetturi beta jistgħu jaħbu s-sintomi ta' l-ipogliċemija.

Octreotide/lanreotide jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-ħtieġa għall-insulina.

L-alkoħol jista' jintensifika jew inaqqas l-effett ipogliċemiku ta' l-insulina.

## 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

### Tqala

NovoRapid (insulina aspart) jista' jintuża fit-tqala. Informazzjoni minn żewġ studji kliniċi magħmula b'mod arbitrarju u kkontrollati (322 u 27 tqala esposti ) ma taw ebda indikazzjoni ta' effett avvers ta' insulina aspart fuq it-tqala jew fuq is-saħħa tal-fetu/tarbija tat-twelid meta mqabbel ma' l-insulina umana (ara sezzjoni 5.1).

Huwa rakkomandat li jiżdied il-kontroll tal-glucose fid-demm u l-monitoraġġ ta' nisa tqal bid-dijabete (dijabete ta' tip 1, dijabete ta' tip 2 jew dijabete ta' waqt it-tqala) matul it-tqala kollha u meta tkun qeda tiġi ppjanata t-tqala. Il-ħtiġijiet ta' l-insulina normalment jonqsu fl-ewwel trimestru u sussegwentement jiżdiedu matul it-tieni u t-tielet trimestru. Wara l-ħlas, normalment il-ħtiġijiet għall-insulina jerġgħu lura malajr għall-ammonti ta' qabel it-tqala.

### Treddigħ

M'hemmx restrizzjonijiet għall-kura b'NovoRapid waqt it-treddigħ. Il-kura bl-insulina, ta' ommijiet li qed ireddgħu, ma tippreżentax riskju għat-tarbija. Iżda d-doża ta' NovoRapid tista' teħtieġ li tiġi aġġustata.

### Fertilità

Studji fuq ir-riproduzzjoni fl-annimali ma wrew ebda differenza bejn insulina aspart u l-insulina umana fir-rigward tal-fertilità.

## 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Il-kapaċità tal-pazjent li jikkonċentra u li jirreaġixxi tista' tonqos minħabba l-ipogliċemija. Dan jista' jikkostitwixxi riskju f'sitwazzjonijiet fejn dawn il-kapaċitajiet huma ta' importanza kbira (eż sewqan ta' karozza jew tħaddim ta' magni).

Il-pazjenti għandhom jiġu avżati biex jieħdu prekawzjonijiet biex jevitaw l-ipogliċemija waqt is-sewqan. Dan huwa partikolarment importanti f'dawk li għandhom ftit jew m'għandhom ebda għarfien tas-sinjali ta' twissija ta' l-ipogliċemija jew li għandhom episodji frekwenti ta' ipogliċemija. F'dawn iċ-ċirkostanzi m'huwiex irrakkomandat is-sewqan.

## 4.8 Effetti mhux mixtieqa

### Sommarju tal-profil ta' sigurtà

Ir-reazzjonijiet avversi osservati f'pazjenti li jużaw NovoRapid huma primarjament minħabba l-effett farmakoloġiku tal-insulina.

L-aktar reazzjoni avversa rrapportata b'mod frekwenti waqt il-kura hija l-ipogliċemija. Il-frekwenzi ta' ipogliċemija jvarjaw skont il-popolazzjoni tal-pazjent, l-iskeda ta' dożaġġ u l-livell tal-kontroll gliċemiku (ara sezzjoni 4.8, Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari).

Fil-bidu tal-kura bl-insulina, jistgħu jseħħu anomalitajiet ta' rifrazzjoni, edima u reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni (uġigħ, ħmura, urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk fis-sit tal-injezzjoni). Normalment dawn ir-reazzjonijiet jgħaddu. Titjib ta' malajr fil-kontroll tal-glukożju fid-demm jista' jkun assoċjat ma' wġigħ newropatiku akut li ħafna drabi huwa riversibbli. Żieda fil-qawwa tat-terapija bl-insulina b'titjib f'daqqa fil-kontroll gliċemiku jista' jwassal li b'mod temporanju r-retinopatija

dijabetika tmur għall-agħar, waqt li titjib fit-tul tal-kontroll gliċemiku jnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp tar-retinopatija dijabetika.

**Lista f'forma tabulari tar-reazzjonijiet avversi**

Ir-reazzjonijiet avversi mniżżla hawn taħt huma bbażati fuq tagħrif minn studji kliniċi u kklassifikati skont il-frekwenza MedDRA u s-Sistema tal-Klassifika tal-Organi. Il-kategoriji ta' frekwenza ġew stabbiliti skont il-konvenzjoni li ġejja: Komuni ħafna (≥1/10); komuni (≥1/100 u <1/10); mhux komuni (≥1/1,000 u <1/100); rari (≥1/10,000 u <1/1,000); rari ħafna (<1/10,000), mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli).

| | |
|---|---|
| Disturbi fis-sistema immuni | Mhux komuni - Urtikarja, raxx, eruzzjonijiet<br><br>Rari ħafna - Reazzjonijiet anafilattiċi* |
| Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni | Komuni ħafna - Ipogliċemija* |
| Disturbi fis-sistema nervuża | Rari - Newropatija periferali (newropatija bl-uġigħ) |
| Disturbi fl-għajnejn | Mhux komuni - Disturbi rifrazzjonali<br><br>Mhux komuni - Retinopatija dijabetika |
| Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda | Mhux komuni – Lipodistrofija*<br><br>Mhux magħruf - Amilojdożi tal-ġilda*† |
| Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata | Mhux komuni – Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni<br><br>Mhux komuni - Edima |
| | |

* ara sezzjoni 4.8, Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari
† ADR minn sorsi wara li l-prodott tqiegħed fis-suq.

**Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari**

*Reazzjonijiet anafilattiċi:*
Li jseħħu reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva ġeneralizzata (li jinkludu raxx tal-ġilda ġeneralizzat, ħakk, għaraq, disturbi gastrointestinali, edima anġjonewrotika, diffikultajiet fit-teħid tan-nifs, tħabbit mgħaġġel tal-qalb u tnaqqis fil-pressjoni tad-demm) huwa rari iżda jistgħu jkunu ta' periklu għall-ħajja

*Ipogliċemija:*
L-aktar reazzjoni avversa rrapportata b'mod frekwenti hija l-ipogliċemija. Tista' sseħħ jekk id-doża ta' l-insulina hija għolja wisq fir-rigward tal-ħtieġa ta' l-insulina. L-ipogliċemija severa tista' twassal għal telf tas-sensi u/jew konvulżjonijiet u tista' tirriżulta fi ħsara temporanja jew permanenti fil-funzjoni tal-moħħ jew saħansitra f'mewt.Ħafna drabi, is-sintomi ta' ipogliċemija jseħħu f'daqqa. Dawn jistgħu jinkludu għaraq kiesaħ, ġilda pallida u kiesħa, għeja, nervożità jew rogħda, ansjetà, għeja jew debbulizza mhux tas-soltu, konfużjoni, diffikultà biex tikkonċentra, ħedla, ġuħ eċċessiv, tibdil fil-vista, uġigħ ta' ras, dardir u palpitazzjoni.

Fi studji kliniċi, il-frekwenza ta’ ipogliċemija tvarja skont il-popolazzjoni ta’ pazjenti, skeda tad-doża u l-livell tal-kontroll gliċemiku. Waqt l-istudji kliniċi, ma kien hemm ebda differenza fir-rati in ġenerali ta’ ipogliċemija, bejn pazjenti kkurati b’insulina aspart u pazjenti kkurati bl-insulina umana.

*Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta’ taħt il-ġilda*
Lipodistrofija (li tinkludi lipoipertrofija, lipoatrofija) u amilojdożi tal-ġilda jistgħu jseħħu fis-sit tal-injezzjoni u jdewmu l-assorbiment tal-insulina lokali. Rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni fil-post indikat għall-injezzjoni tista’ tgħin sabiex jitnaqqas jew jiġu evitati dawn ir-reazzjonijiet (ara sezzjoni 4.4).

**Popolazzjoni pedjatrika**

Skont sorsi ta’ wara li l-prodott tqiegħed fis-suq u ta’ studji kliniċi, m’hemmx indikazzjoni li hemm xi differenza fil-frekwenza, fit-tip u fis-severità tar-reazzjonijiet avversi osservati fil-popolazzjoni pedjatrika u dawk li dehru fil-popolazzjoni ġenerali.

**Popolazzjonijiet speċjali oħra**

Skont sorsi ta’ wara li l-prodott tqiegħed fis-suq u ta’ studji kliniċi, m’hemmx indikazzjoni li hemm xi differenza fil-frekwenza, fit-tip u fis-severità tar-reazzjonijiet avversi osservati f’pazjenti anzjani u f’pazjenti b’indeboliment renali jew epatiku u dawk li dehru fil-popolazzjoni ġenerali.

**Rappurtar ta’ reazzjonijiet avversi suspettati**

Huwa importanti li jiġu rrappurtati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti dwar il-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta’ rappurtar nazzjonali imniżżla f’Appendiċi V.

## 4.9 Doża eċċessiva

Doża eċċessiva speċifika għall-insulina ma tistax tiġi definita, iżda l-ipogliċemija tista’ tiżviluppa fi stadji sekwenzjali jekk jiġu mgħotija dożi għoljin wisq fil-konfront tal-ħtieġa tal-pazjent:

- Episodji ħfief ta’ ipogliċemija jistgħu jkunu kkurati bit-teħid orali tal-glucose jew ta’ prodotti li fihom iz-zokkor. Huwa għalhekk rakkomandat li l-pazjent dijabetiku dejjem iġorr xi prodotti li fihom iz-zokkor
- Episodji ta’ ipogliċemija severa, fejn il-pazjent jintilef minn sensih, jistgħu jiġu kkurati bil-glucagon (0.5 sa 1 mg) mogħti minn ġol-muskoli jew minn taħt il-ġilda minn persuna mħarrġa, jew bil-glucose mogħti minn ġol-vini minn tobba jew persuni oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Il-glucose għandu wkoll jingħata minn ġol-vini jekk fi żmien 10 sa 15-il minuta l-pazjent ma jirrispondix għal glucagon. Meta jerġa’ jiġi f’sensih, huwa rakkomandat li l-pazjent jingħata l-karboidrati b’mod orali sabiex ma jerġax jirkadi.

# 5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

## 5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Mediċini użati fid-dijabete.Insulini u analogi għall-injezzjoni li jaġixxu malajr. Kodiċi ATC A10AB05.

**Mekkaniżmu ta’ azzjoni u effetti farmakodinamiċi**

L-effett ta’ insulina aspart li jbaxxi l-livell tal-glucose fid-demm huwa minħabba d-dħul faċilitat ta’ glucose wara l-irbit tal-insulina mar-riċetturi fuq iċ-ċelluli tal-muskoli u tax-xaħam u għall-inibizzjoni fl-istess ħin tal-produzzjoni ta’ glucose mill-fwied.

Fuq bażi ta' evalwazzjoni magħmula fl-ewwel erba' sigħat wara ikla,NovoRapid, meta mqabbel ma' l-insulina umana solubbli, jipprovdi azzjoni aktar mgħaġġla, kif ukoll konċentrazzjoni ta' glucose aktar baxxa. Wara injezzjoni minn taħt il-ġilda,NovoRapid idum jaħdem inqas meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.




Fig. I. Konċentrazzjonijiet tal-glucose fid-demm wara doża waħda qabel l-ikel ta' NovoRapid injettat immedjatament qabel ikla (kurva sħiħa) jew insulina umana solubbli mogħtija 30 minuta qabel ikla (kurva mhux sħiħa) f'pazjenti bid-dijabete mellitus tat-tip 1.

Meta NovoRapid jiġi injettat taħt il-ġilda, jibda jaħdem fi żmien 10 sa 20 minuta minn meta tingħata l-injezzjoni. L-effett massimu jseħħ bejn 1 u 3 sigħat wara l-injezzjoni. Idum jaħdem bejn 3 sa 5 sigħat.

**Effikaċja klinika**

Studji kliniċi f'pazjenti bid-dijabete tat-tip 1 urew livell aktar baxx ta' glucose fid-demm wara l-ikel b'NovoRapid meta mqabbel ma' insulina umana solubbli (Fig I.) F'żewġ studji open label fit-tul f'pazjenti bid-dijabete tat-tip 1 li kienu magħmulin minn 1070 u 884 pazjent rispettivament, NovoRapid naqqas l-emoglobina glikata b'0.12 [95% C.I. 0.03; 0.22] punt perċentwali u b'0.15 [95% C.I. 0.05; 0.26] punt perċentwali meta mqabbel ma' insulina umana; differenza li s-sinifikat kliniku tagħha hija limitata.

Studji kliniċi f'pazjenti bid-dijabete tat-tip 1 urew li hemm inqas riskju ta' ipogliċemija mal-lejl bl-insulina aspart meta mqabbel ma' insulina umana solubbli. Ir-riskju ta' l-ipogliċemija waqt il-jum ma żdiedtx b'mod sinifikanti.

Fuq bażi molari, l-insulina aspart hija ekwipotenti ma' insulina umana solubbli.

**Popolazzjonijiet speċjali**

*Anzjani (≥ 65 sena)*
Studju farmakokinetiku/farmakodinamiku cross-over,double-blind u magħmul b'mod arbitrarju kkompara insulina aspart ma' insulina umana solubbli f'pazjenti anzjani bid-dijabete tat-tip 2 (19-il pazjent b'etajiet bejn 65–83 sena, età medja ta' 70 sena).Id-differenzi relattivi fil-karatteristiċi farmakodinamiċi ($GIR_{max}$, $AUC_{GIR, 0–120 min}$) bejn insulina aspart u insulina umana li tinħall fl-anzjani kienu simili għal dawk li kien hemm f'suġġetti b'saħħithom u f'pazjenti iżgħar bid-dijabete

*Popolazzjoni pedjatrika*
Ġie magħmul studju kliniku li qabbel l-insulina umana solubbli mgħoti qabel l-ikel ma' l-insulina aspart mgħoti wara l-ikel fi tfal żgħar (20 pazjent li kellhom minn sentejn sa inqas minn 6 snin, li kienu studjati għal 12-il ġimgħa, li fosthom kien hemm erbgħa li kellhom inqas minn 4 snin) u studju farmakokinetiku/farmakodinamiku b'doża waħda ġie magħmul fit-tfal (6 sa 12-il sena) u fl-adolexxenti (13 sa 17-il sena). Il-profil farmakodinamiku ta' insulina aspart fit-tfal kien simili għal dak li kien osservat fl-adulti.

L-effikaċja u s-sigurtà ta' NovoRapid mogħti bħala insulina bolus flimkien ma' jew insulina detemir jew insulina degludec bħala insulina bażali ġew studjati sa 12-il xahar f'żewġ provi kliniċi kkontrollati u magħmula b'mod arbitrarju f'adolexxenti u tfal mill-età ta' sena sa inqas minn 18-il sena (n=712). Il-provi inkludew 167 tifel u tifla b'etajiet minn 1–5 snin, 260 b'etajiet minn 6–11 u 285 b'etajiet minn 12–17-il sena. It-titjib li ġie osservat fl-HbA1c u l-profili ta' sigurtà kienu simili għal kull grupp ta' età.

*Tqala*
Studju kliniku li qabbel is-sigurtà u l-effikaċja ta' insulina aspart ma' dawk ta' l-insulina umana fil-kura ta' nisa tqal li kellhom dijabete ta' tip 1 (322 nisa tqal li kienu esposti (insulina aspart: 157; insulina umana: 165)) ma wera ebda effett avvers ta' insulina aspart fuq it-tqala jew fuq is-saħħa tal-fetu/tarbija tat-twelid.
Barra minn hekk, ir-riżultati minn studju kliniku li kien jinkludi 27 mara li kellhom id-dijabete waqt it-tqala u li b'mod arbitrarju ngħataw trattament b'insulina aspart jew b'insulina umana (insulina aspart: 14; insulina umana: 13) urew profili ta' sigurtà simili bejn it-trattamenti.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

**Assorbiment, distribuzzjoni u eliminazzjoni**

F'NovoRapid, is-sostituzzjoni ta' l-amino-aċidu proline b'aspartic acid fil-pożizzjoni B28 tnaqqas it-tendenza li jiġu ffurmati hexamers kif tabilħaqq jiġri bl-insulina umana solubbli. NovoRapid għalhekk jiġi assorbit aktar malajr mill-istrat ta' taħt il-ġilda meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.

Il-ħin biex jilħaq il-konċentrazzjoni massima, huwa bħala medja, nofs dak ta' l-insulina umana solubbli. Bħala medja, f'pazjenti bid-dijabete tat-tip l, il-konċentrazzjoni massima fil-plażma ta' 492±256 pmol/l intlaħqet 40 (marġni interkwartili: 30–40) minuta wara doża ta' 0.15 unitajiet/kg piż tal-ġisem mgħotija minn taħt il-ġilda. Il-konċentrazzjonijiet ta' l-insulina rritornaw għall-livelli bażilari madwar 4 sa 6 sigħat wara li ngħatat id-doża. Ir-rata ta' l-assorbiment kienet xi ftit aktar bil-mod fil-pazjenti bid-dijabete tat-tip 2, li rriżulta f'$C_{max}$ aktar baxx (352±240 pmol/l) u ttardjar fit-$t_{max}$ (60 (marġni interkwartili: 50–90) minuta) . Il-varjabilità fil-pazjent stess fil-ħin biex jilħaq il-konċentrazzjoni massima hija inqas b'mod sinifikanti għal NovoRapid milli hi għall-insulina umana solubbli, waqt li l-varjabilità fil-pazjent stess f'$C_{max}$ hija akbar għal NovoRapid.

**Popolazzjonijiet speċjali**

*Anzjani (≥ 65 sena)*
Id-differenzi relattivi fil-karatteristiċi farmakokinetiċi bejn insulina aspart u insulina umana solubbli f'pazjenti anzjani (65 sa 83 sena, età medja 70 sena) bid-dijabete tat-tip 2 kienu simili għal dawk li kien hemm f'suġġetti b'saħħithom u f'pazjenti iżgħar bid-dijabete. Ġie osservat tnaqqis fir-rata ta' assorbiment f'pazjenti anzjani, li rriżulta f'$t_{max}$ itwal (82 (marġni interkwartili: 60–120) minuta), filwaqt li s-$C_{max}$ kien simili għal dak osservat f'pazjenti iżgħar bid-dijabete tat-tip 2 u ftit inqas minn dak ta' pazjenti bid-dijabete tat-tip 1.

*Indeboliment epatiku*
Studju farmakokinetiku b'doża waħda ta' insulina aspart ġie magħmul f'24 suġġett b'funzjoni epatika li tvarja minn normali għal indeboliment sever. F'pazjenti b'indeboliment epatiku, ir-rata ta' assorbiment naqset u kienet aktar varjabbli li wassal biex it-$t_{max}$ jittardja minn madwar 50 min. f'suġġetti b'funzjoni epatika normali għal madwar 85 min f'pazjenti b'indeboliment epatiku moderat u

sever. L-AUC, is-$C_{max}$, u s-CL/F kienu simili f'pazjenti b'tnaqqis fil-funzjoni epatika meta mqabbla ma' suġġetti b'funzjoni epatika normali.

*Indeboliment renali*
Studju farmakokinetiku b'doża waħda ta' insulina aspart ġie magħmul f'18-il suġġett b'funzjoni renali li tvarja minn normali għal indeboliment sever. Il-valuri tat-tneħħija tal-krejatinina dehru li ma kellhom ebda effett fuq l-AUC, is-$C_{max}$ is-CL/F u t-$t_{max}$ ta'insulina aspart. L-informazzjoni kienet limitata f'pazjenti b'indeboliment renali moderat u sever.Ma ġewx investigati pazjenti b'insuffiċjenza renali li jkollhom bżonn kura bid-dijaliżi.

*Popolazzjoni pedjatrika*
Il-karatteristiċi farmakokinetiċi u farmakodinamiċi ta' NovoRapid ġew investigati fit-tfal (6 snin sa 12-il sena) u adolexxenti (13 sa 17-il sena) bid-dijabete tat-tip 1. Insulina aspart ġie assorbit malajr fiż-żewġ gruppi ta' etajiet, b'$t_{max}$ simili għal dak ta' l-adulti. Iżda, $C_{max}$ kien differenti bejn il-gruppi ta' etajiet, li jenfasizza l-importanza ta' dożaġġ individwali ta' NovoRapid.

### 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Informazzjoni li mhix klinika, magħmula fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni, effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva u żvilupp, ma turi l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin.

Fit-testijiet *in vitro*, li jinkludu r-rabta mas-siti tar-riċetturi ta' l-insulina u ta' IGF-1 u l-effetti fuq t-tkabbir taċ-ċelloli, l-insulina aspart ġab ruħu b'mod li jixbaħ ħafna l-insulina umana. L-istudji juru wkoll li d-dissoċjazzjoni tar-rabta ta' insulina aspart minn mar-riċettur ta' l-insulina hija ekwivalenti għal dik ta' insulina umana.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' eċċipjenti

Glycerol
Phenol
Metacresol
Zinc chloride
Disodium phosphate dihydrate
Sodium chloride
Hydrochloric acid (għall-aġġustament tal-pH)
Sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH)
Ilma għall-injezzjonijiet

### 6.2 Inkompatibbilitajiet

Sustanzi miżjuda ma' NovoRapid jistgħu jikkawżaw id-degradazzjoni ta' insulina aspart.
Dan il-prodott mediċinali m'għandux jiġi ddilwit jew jitħallat ma' prodotti mediċinali oħra, ħlief biex jitħallat ma' insulina NPH (Neutral Protamine Hagedorn) f'siringa għall-użu minn taħt il-ġilda jew b'soluzzjonijiet tal-infużjoni kif deskritt f'sezzjoni 4.2.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Qabel ma jinfetaħ: 30 xahar.

<u>Il-kunjett NovoRapid/NovoRapid Penfill/NovoRapid FlexPen/NovoRapid InnoLet/NovoRapid FlexTouch</u>
<u>Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala</u>: Il-prodott għandu jinħażen għal mhux iżjed minn 4 ġimgħat. Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

NovoRapid PumpCart
Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': NovoRapid PumpCart li jinġarr għal li jista' jinqala' jista' jinżamm sa ġimgħatejn f'temperatura taħt 30°C. Wara, jista' jintuża għal mhux aktar minn 7 ijiem f'temperatura inqas minn 37°C f'sistema ta' pompa għall-infużjoni tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump.

## 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Għall-kondizzjonijiet ta' ħażna tal-prodott mediċinali, ara sezzjoni 6.3.

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C – 8°C) .Tagħmlux fil-friża.

Il-kunjett NovoRapid/NovoRapid Penfill
Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala: Aħżen f'temperatura taħt 30°C.Tagħmlux fil-friġġ. Tagħmlux fil-friża. Żomm il-kunjett/l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

NovoRapid FlexPen/NovoRapid FlexTouch
Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Jista' jinħażen fi friġġ (2°C – 8°C).
Tagħmlux fil-friża.
Żomm l-għatu tal-pinna fuq il-pinna sabiex tilqa' mid-dawl.

NovoRapid InnoLet
Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ. Tagħmlux fil-friża.
Żomm l-għatu tal-pinna fuq il-pinna sabiex tilqa' mid-dawl.

NovoRapid PumpCart
Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala': Aħżen f'temperatura taħt 37°C (waqt l-użu) jew aħżen f'temperatura taħt 30°C (meta jinġarr għal li jista' jinqala'). Tagħmlux fil-friġġ. Tagħmlux fil-friża.
Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

## 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Il-kunjett NovoRapid
Soluzzjoni ta' 10 ml f'kunjett (tal-ħġieġ tat-tip 1) magħluq b'diska (gomma tal-bromobutyl/polyisoprene) u għatu protettiv tal-plastik li jingħalaq b'sikurezza.

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' kunjett 1 jew 5 kunjetti ta' 10 ml jew pakkett multiplu li fih 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

NovoRapid Penfill
Soluzzjoni ta' 3 ml fi skartoċċ (tal-ħġieġ tat-tip 1) bi planġer (tal-bromobutyl) u tapp tal-lastku (tal-bromobutyl/polyisoprene).

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' 5 u 10 skrataċ. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

NovoRapid FlexPen
Soluzzjoni ta' 3 ml fi skartoċċ (tal-ħġieġ tat-tip 1) bi planġer (tal-bromobutyl) u tapp tal-lastku (tal-bromobutyl/polyisoprene) f'pinna mimlija għal-lest li tagħti dożi multipli u tintrema wara li tintuża kollha, magħmula mill-polypropylene.

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' pinna 1 (bil-labar jew mingħajrhom), 5 pinen (mingħajr labar) u 10 pinen (mingħajr labar) mimlijin għal-lest.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

NovoRapid InnoLet
Soluzzjoni ta' 3 ml fi skartoċċ (tal-ħġieġ tat-tip 1) bi planġer (tal-bromobutyl) u tapp tal-lastku (tal-bromobutyl/polyisoprene) f'pinna mimlija għal-lest li tagħti dożi multipli u tintrema wara li tintuża kollha, magħmula mill-polypropylene.

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' pinna 1, 5 pinen u 10 pinen mimlijin għal-lest. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq

NovoRapid FlexTouch
Soluzzjoni ta' 3 ml fi skartoċċ (tal-ħġieġ tat-tip 1) bi planġer (tal-bromobutyl) u tapp tal-lastku (tal-bromobutyl/polyisoprene) f'pinna mimlija għal-lest li tagħti dożi multipli u tintrema wara li tintuża kollha, magħmula mill-polypropylene.

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' pinna 1 (bil-labar jew mingħajrhom), 5 pinen (mingħajr labar) jew pakkett multiplu bi 2 x 5 pinen (mingħajr labar) ta' 3 ml mimlijin għal-lest. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

NovoRapid PumpCart
Soluzzjoni ta' 1.6 ml fi skartoċċ (tal-ħġieġ tat-tip 1) bi planġer (tal-bromobutyl) u tapp tal-lastku (tal-bromobutyl/polyisoprene).

Id-daqsijiet tal-pakketti huma ta' 5 skrataċ u pakkett multiplu li fih 25 skartoċċ (5 pakketti ta' 5). Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor

Dan il-prodott mediċinali m'għandux jintuża jekk tinduna li s-soluzzjoni mhijiex ċara, bla kulur u akweja.

NovoRapid li jkun ġie ffriżat m'għandux jintuża.

Il-pazjent għandu jingħata parir li jarmi l-labra wara kull injezzjoni.

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

Il-labar, is-siringi, l-iskrataċ, il-pinen mimlijin għal-lest u s-settijiet tal-infużjoni m'għandhomx jiġu mislufa mingħand jew lil ħaddieħor.

L-iskartoċċ m'għandux jerġa' jimtela mill-ġdid.

Kunjett ta' NovoRapid
NovoRapid jista' jintuża f'sistema ta' pompi tal-infużjoni (CSII) kif deskritt fis-sezzjoni 4.2. Tubi li għandhom il-materjal tas-superfiċje intern magħmul mill-polyethylene jew mill-polyolefin ġew evalwati u nstabu li huma kompatibbli mal-użu tal-pompi.

NovoRapid PumpCart
NovoRapid PumpCart huwa skartoċċ mimli għal-lest biex jintuża direttament fil-pompa. Jekk jogħġbok irreferi għall-fuljett ta' tagħrif fejn hemm provduti istruzzjonijiet dettaljati dwar l-użu.

Sabiex taċċerta ruħek li tkun ingħatat id-doża t-tajba, NovoRapid PumpCart m'għandux jintuża f'pinna tal-insulina.

NovoRapid PumpCart qiegħed biex jintuża biss ma'sistema ta' pompi tal-infużjoni tal-insulina magħmula biex jintużaw ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u

YpsoPump, kif deskritt f'sezzjoni 4.2. Tubi li għandhom il-materjal tas-superfiċje intern magħmul mill-polyethylene jew mill-polyolefin ġew evalwati u nstabu li huma kumpatibbli mal-użu tal-pompi.

## 7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

## 8. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Il-kunjett NovoRapid
EU/1/99/119/001
EU/1/99/119/008
EU/1/99/119/015

NovoRapid Penfill
EU/1/99/119/003
EU/1/99/119/006

NovoRapid FlexPen
EU/1/99/119/009
EU/1/99/119/010
EU/1/99/119/011
EU/1/99/119/017
EU/1/99/119/018

NovoRapid InnoLet
EU/1/99/119/012
EU/1/99/119/013
EU/1/99/119/014

NovoRapid FlexTouch
EU/1/99/119/019
EU/1/99/119/020
EU/1/99/119/021
EU/1/99/119/022
EU/1/99/119/023

NovoRapid PumpCart
EU/1/99/119/024
EU/1/99/119/025

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni: 7 ta' Settembru, 1999
Data ta' l-aħħar tiġdid: 30 t'April 2009

## 10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

# ANNESS II

A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONI RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU.

Ċ. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

## A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifatturi tas-sustanza bijoloġika attiva

Novo Nordisk A/S
Hallas Allé
DK-4400 Kalundborg
Id-Danimarka

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

Isem u indirizz tal-manifatturi responsabbli għall-ħruġ tal-lott

**Kunjett NovoRapid, InnoLet, FlexTouch u PumpCart:**

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

**NovoRapid Penfill u FlexPen:**

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

Novo Nordisk Production SAS
45, Avenue d'Orléans
F-28000 Chartres
Franza

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott konċernat.

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

## Ċ. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

## D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċjuu r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

## ANNESS III

## TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

# A. TIKKETTAR

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (KUNJETT)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

NovoRapid 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA**

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart(ekwivalenti għal 3.5 mg).

**3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI**

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride,disodium phosphate dihydrate,sodium chloride, hydrochloric acid / sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Kunjett 1 ta' 10 ml
5 kunjetti x 10 ml

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda jew għal ġol-vini.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur

**8. DATA TA' SKADENZA**

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Waqt l-użu: Tagħmlux fil-friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 30°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/001 Kunjett ta' 10 ml
EU/1/99/119/008 5 kunjetti ta' 10 ml

## 13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA (KUNJETT)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

NovoRapid 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda u għal ġol-vini

## 2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS

## 4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

10 ml
Kunjett ta' 10 ml fih 1,000 unità

## 6. OĦRAJN

NovoNordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**IT-TIKKETTA TA' BARRA MGEŻWRA FUQ IL-PAKKETT MULTIPLU (KUNJETT – bil-kaxxa blu)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid 100 unitànità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride,disodium phosphate dihydrate,sodium chloride, hydrochloric acid / sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Pakkett multiplu: 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda jew għal ġol-vini.

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 7. TWISSIJA SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Waqt l-użu: Tagħmlux fil-friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 30°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRU TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/015 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

## 13. NUMRU TAL-LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' ĠEWWA GĦALL-PAKKETT MULTIPLU (KUNJETT – mingħajr il-kaxxa blu)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kunjett fih 10 ml ekwivalenti għal 1,000 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride,disodium phosphate dihydrate,sodium chloride, hydrochloric acid / sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Kunjett 1 ta' 10 ml. Parti minn pakkett multiplu, ma jistax jinbigħ b'mod separat.

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda jew għal ġol-vini.

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

**9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Waqt l-użu: Tagħmlux fil-friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 30°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

Armi l-labra wara kull injezzjoni

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

**12. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/99/119/015 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott:

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

NovoRapid

**17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D**

**18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (SKARTOĊĊ, Penfill)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid Penfill 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo skartoċċ
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Skartoċċ fih 3 ml ekwivalenti għal 300 unità. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg)

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid / sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjon għall-injezzjoni

5 x 3 ml skrataċ
10 x 3 ml skrataċ

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA’ KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Waqt l-użu: Tagħmlux fil-friġġ. Aħżen f’temperatura taħt 30°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta’ barra sabiex tilqa’ mid-dawl.

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA’ PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA’ L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/003 5 skrataċ ta’ 3 ml
EU/1/99/119/006 10 skrataċ ta’ 3 ml

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA’ KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid Penfill

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA (SKARTOĊĊ, Penfill)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA**

NovoRapid Penfill 100 unità/ml
Soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda

**2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA**

Penfill

**3. DATA TA' SKADENZA**

JIS

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI.**

3 ml

**6. OĦRAJN**

Novo Nordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST, FlexPen)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid FlexPen 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

1 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
10 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
Pinna mimlija għal-lest 1 x 3 ml + 7 labar NovoFine
Pinna mimlija għal-lest 1 x 3 ml + 7 labar NovoTwist

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Il-labar m'humiex inklużi
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Waqt l-użu: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Jista' jinħażen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Tagħmlux fil-friża
Żommu mgħotti bil-kappa tal-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/011 pinna ta' 3 ml
EU/1/99/119/009 5 pinen ta' 3 ml
EU/1/99/119/010 10 pinen ta' 3 ml
EU/1/99/119/017 pinna ta' 3 ml u 7 labar NovoFine
EU/1/99/119/018 pinna ta' 3 ml u 7 labar NovoTwist

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid FlexPen

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA TAL-PINNA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST,FlexPen)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

NovoRapid FlexPen 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda

## 2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

FlexPen

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS

## 4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

## 6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST, InnoLet)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid InnoLet 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Pinna mimlija għal-lest 1 x 3 ml
5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
10 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Il-labar m'humiex inklużi
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

| |
|---|
| **8. DATA TA' SKADENZA** |

JIS/

Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

| |
|---|
| **9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN** |

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Waqt l-użu: Tagħmlux fi friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 30°C
Tagħmlux fil-friża
Żommu mgħotti bil-kappa tal-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

| |
|---|
| **10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN** |

Armi l-labra wara kull injezzjoni

| |
|---|
| **11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ** |

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

| |
|---|
| **12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ** |

EU/1/99/119/012 pinna ta' 3 ml
EU/1/99/119/013 5 pinen ta' 3 ml
EU/1/99/119/014 10 pinen ta' 3 ml

| |
|---|
| **13. NUMRU TAL- LOTT** |

Lott:

| |
|---|
| **14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA** |

| |
|---|
| **15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU** |

| |
|---|
| **16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE** |

NovoRapid InnoLet

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA TAL-PINNA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. InnoLet)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

NovoRapid InnoLet 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda

## 2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

InnoLet

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS

## 4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

## 6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. FlexTouch)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

1 x 3 ml pinna mimlija għal-lest
5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest
1 x 3 ml pinna mimlija għal-lest+ 7 labar NovoFine
1 x 3 ml pinna mimlija għal-lest+ 7 labar NovoTwist

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Il-labar m'humiex inklużi
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

**8. DATA TA' SKADENZA**

JIS/
Waqt l-użu: Użа fi żmien 4 ġimgħat

**9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Waqt l-użu: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Jista' jinħażen fi friġġ (2°C sa 8°C).
Tagħmlux fil-friża
Żommu mgħotti bil-kappa tal-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

Armi l-labra wara kull injezzjoni

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

**12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/99/119/019 pinna ta' 3 ml
EU/1/99/119/020 5 pinen ta' 3 ml
EU/1/99/119/022 pinna ta' 3 ml u 7 labar NovoFine
EU/1/99/119/023 pinna ta' 3 ml u 7 labar NovoTwist

**13. NUMRU TAL- LOTT**

Lott:

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

NovoRapid FlexTouch

**17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D**

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

**18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM**

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA TAL-PINNA (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. FlexTouch)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda

## 2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

FlexTouch

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS

## 4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

3 ml

## 6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**TIKKETTA FUQ IL-KARTA MGEŻWRA MADWAR IL-PAKKETT MULTIPLU (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST, FlexTouch – bil-kaxxa blu)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Pakkett multiplu: 2 x (5 x 3 ml)..

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Il-labar mhumiex inklużi
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Waqt l-użu: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Jista' jinħażen fi friġġ (2°C sa 8°C)
Tagħmlux fil-friża
Żommu mgħotti bil-kappa tal-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRU TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/021 2 x (5 x 3 ml)

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid FlexTouch

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' ĠEWWA GĦALL-PAKKETT MULTIPLU (PINNA MIMLIJA GĦAL-LEST. FlexTouch- mingħajr il-kaxxa blu)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Pinna mimlija għal-lest fiha 3 ml ekwivalenti għal 300 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

5 x 3 ml pinen mimlijin għal-lest. Parti minn pakkett multiplu, ma jistgħux jinbigħu b'mod separat.

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Il-labar m'humiex inklużi
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Magħmul biex jintuża ma' labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu: Uża fi żmien 4 ġimgħat

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Waqt l-użu: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Jista' jinħażen fi friġġ (2°C sa 8°C).
Tagħmlux fil-friża
Żommu mgħotti bil-kappa tal-pinna sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

Armi l-labra wara kull injezzjoni

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/021 2 x 5 pinen ta' 3 ml

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid FlexTouch

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (SKARTOĊĊ. PumpCart)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Skartoċċ fih 1.6 ml ekwivalenti għal 160 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

5 x 1.6 ml skrataċ

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Għall-użu biss mal-pompi magħmula biex jintużaw ma' NovoRapid PumpCart

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu fil-pompa: Uża fi żmien 7 ijiem

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Meta jinġarr bħala sper: Jista' jinżamm sa ġimgħatejn taħt 30°C
Waqt l-użu: Tagħmlux fi friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 37°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/024 5 skrataċ ta' 1.6 ml.

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid PumpCart

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**TIKKETTA (SKARTOĊĊ. PumpCart)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA

NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni
insulina aspart
Użu għal taħt il-ġilda

## 2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS

## 4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 5. IL-KONTENUT SKONT IL-PIŻ, IL-VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI

1.6 ml

## 6. OĦRAJN

Novo Nordisk A/S

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**TIKKETTA TA' BARRA MGEZWRA FUQ IL-PAKKETT MULTIPLU (SKARTOĊĊ. PumpCart- bil-kaxxa blu)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ
insulina aspart

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA**

Skartoċċ fih 1.6 ml ekwivalenti għal 160 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

**3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI**

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Soluzzjoni għall-injezzjoni

Pakkett multiplu: 25 skartoċċ (5 pakketti ta' 5)

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

**7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Għall-użu biss f'pompi magħmula biex jintużaw ma' NovoRapid PumpCart

**8. DATA TA' SKADENZA**

JIS/
Waqt l-użu fil-pompa: Uża fi żmien 7 ijiem

**9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Meta jinġarr bħala sper: Jista' jinżamm sa ġimgħatejn taħt 30°C
Waqt l-użu: Tagħmlux fi friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 37°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

**12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/99/119/025 25 skartoċċ (5 pakketti ta' 5)

**13. NUMRU TAL- LOTT**

Lott:

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

NovoRapid PumpCart

**17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D**

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

**18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM**

PC
SN
NN

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUN TA' ĠEWWA GĦALL-PAKKETT MULTIPLU (SKARTOĊĊ. PumpCart- mingħajr il-kaxxa blu)**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ
insulina aspart

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Skartoċċ fih 1.6 ml ekwivalenti għal 160 unità, Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità insulina aspart (ekwivalenti għal 3.5 mg).

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid/sodium hydroxide għall-aġġustament fil-pH u ilma għall-injezzjonijiet

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Soluzzjoni għall-injezzjoni

5 skrataċ x 1.6 ml. Komponent ta' pakkett multiplu, ma jistax jinbigħ b'mod separat.

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu
Użu għal taħt il-ġilda

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

## 7. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Uża s-soluzzjoni biss jekk din tkun ċara u bla kulur
Għall-użu minn persuna waħda biss
Għall-użu biss f'pompi magħmula biex jintużaw ma' NovoRapid PumpCart

## 8. DATA TA' SKADENZA

JIS/
Waqt l-użu fil-pompa: Uża fi żmien 7 ijiem

## 9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Qabel ma jinfetaħ: Aħżen fi friġġ (2°C sa 8°C )
Meta jinġarr bħala sper: Jista' jinżamm sa ġimgħatejn taħt 30°C
Waqt l-użu: Tagħmlux fi friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 37°C
Tagħmlux fil-friża
Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR- RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL- AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/99/119/025 25 skartoċċ (5 pakketti ta' 5)

## 13. NUMRU TAL- LOTT

Lott:

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

NovoRapid PumpCart

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM

## B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**NovoRapid 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**


1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid
3. Kif għandek tuża NovoRapid
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm wara 10–20 minuta mill-injezzjoni, l-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni u l-effett idum għal 3–5 sigħat. Minħabba din l-azzjoni qasira NovoRapid normalment għandu jittieħed flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul. Barra minn hekk, NovoRapid jista' jintuża għall-infużjoni kontinwa f'sistema ta' pompa.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid

### Tużax NovoRapid

- ► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
- ► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a)Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4).
- ► Jekk l-għatu protettiv huwa laxk jew nieqes. Kull kunjett għandu għatu protettiv tal-plastik magħmul apposta kontra t-tbagħbis. Jekk m'huwiex f'kundizzjoni perfetta meta tieħu l-kunjett, rodd il-kunjett lura lil min ipprovdihulek.
- ► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid)
- ► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.

**Qabel ma tuża NovoRapid**

- ► Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta ruħek li hi t-tip ta' insulina t-tajba
- ► Neħħi l-għatu protettiv
- ► Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni sabiex tippreveni l-kontaminazzjoni
- ► Il-labar u s-siringi m'għandhomx jinqasmu ma' ħaddieħor.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:

- ► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- ► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet tal-injezzjonijiet tiegħek.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid**
Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:
- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta'zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

Ħu parir mingħand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu xi mediċina.
► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
► M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda', itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista' jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

NovoRapid jibda jaħdem malajr, u għalhekk jekk ikollok episodju ipogliċemiku dan jista' jseħħ aktar kmieni wara injezzjoni meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid

**Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina**

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Normalment, NovoRapid jittieħed eżatt qabel ikla. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mill-injezzjoni biex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata dritt wara l-ikel. Ara Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni aktar 'l isfel għall-informazzjoni.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

**Użu fit-tfal u fl-adolexxenti**

Fl-adolexxenti u fit-tfal u minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta tkun trid li l-prodott jibda jaħdem malajr. Per eżempju, meta jkun diffiċli biex tikkalkula d-doża tat-tifel/tifla fir-rigward tal-ħinijiet ta' l-ikel.

**Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti**

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

**Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**

NovoRapid huwa għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju) jew għall-infużjoni kontinwa permezz ta' sistema ta' pompa. It-teħid f'sistema ta' pompa tkun teħtieġ istruzzjoni komprensiva mill-professjonist fil-kura tas-saħħa tiegħek. M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). Jekk ikun meħtieġ, NovoRapid jista' jingħata dirett ġo vina iżda dan għandu jsir biss minn tobba jew persuni oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża.Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer (ara sezzjoni 4 Effetti sekondarji possibbli). L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jew il-parti ta' quddiem ta' kuxxtejk . L-insulina taħdem aktar malajr jekk tiġi injettata fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek. Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

L-insulina NPH (Neutral Protamine Hagedorn) hija l-unika insulina li tista' titħallat ma' NovoRapid u t-taħlita għandha tiġi injettata mill-ewwel taħt il-ġilda tiegħek (b'mod subkutaneju). NovoRapid għandu jinġibed fis-siringa qabel ma tinġibed l-insulina NPH tiegħek.

**Kif tieħu NovoRapid**

Jekk tuża tip wieħed biss ta' insulina

1. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża ta' l-insulina li se tinjetta. Injetta l-arja fil-kunjett.
2. Aqleb il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed d-doża korretta ta' l-insulina fis-siringa. Oħroġ il-labra 'l barra mill-kunjett. Imbagħad neħħi l-arja mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.

Jekk trid tħallat żewġ tipi ta' insulina

1. Eżatt qabel l-użu, irrombla f'idejk l-insulina NPH sakemm b'mod uniformi l-likwidu jsir abjad u opak.
2. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża tal-insulina NPH. Injetta l-arja fil-kunjett li fih l-insulina NPH u oħroġ il-labra 'l barra.
3. Iġbed ġos-siringa l-istess ammont ta' arja daqs id-doża ta' NovoRapid. Injetta l-arja fil-kunjett li fih NovoRapid. Aqleb il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed id-doża preskritta ta' NovoRapid. Neħħi l-arja mis-siringa u ċċekkja li d-doża hija korretta.
4. Daħħal il-labra fil-kunjett ta' l-insulina NPH, aqleb il-kunjett u s-siringa ta' taħt fuq u iġbed id-doża li ġiet preskritta lilek. Neħħi l-arja mis-siringa u ċċekkja d-doża. Injetta t-taħlita minnufih.
5. Dejjem ħallat NovoRapid u l-insulina NPH fl-istess sekwenza.

**Kif tinjetta NovoRapid**

► Injetta l-insulina taħt il-ġilda. Użu t-teknika ta' injezzjoni li kien tak parir biex tuża it-tabib jew in-ners tiegħek.
► Żomm il-labra taħt il-ġilda għal mill-inqas 6 sekondi biex taċċerta li tkun injettajt l-insulina kollha.
► Armi l-labra wara kull injezzjoni.

**Għall-użu f'sistema ta' pompa għall-infużjoni:**

NovoRapid m'għandu qatt jitħallat ma' insulina oħra meta jintuża f'pompa.
Segwi l-istruzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mit-tabib tiegħek rigward l-użu ta' NovoRapid f'pompa. Qabel l-użu ta' NovoRapid f'sistema ta' pompa, għandek tkun irċevejt istruzzjoni komprensiva fuq l-użu u tagħrif dwar kwalunkwe azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' mard, livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm jew ħsara fis-sistema tal-pompa.

- Qabel iddaħħal il-labra, uża s-sapun u l-ilma biex tnaddaf idejk, kif ukoll dik il-parti tal-ġilda fejn tkun se ddaħħal il-labra sabiex tevita infezzjonijiet fil-post fejn tingħata l-infużjoni.
- Meta timla reċipjent ġdid, kun żgur li ma tħallix bżieżaq kbar ta' l-arja fis-siringa jew fit-tubi.
- Tibdil fis-sett ta' l-infużjoni (tubi u labra) għandu jsir skond l-istruzzjonijiet fit-tagħrif dwar il-prodott provdut mas-sett ta' l-infużjoni.

Biex tieħu l-benefiċċji ta' l-infużjoni ta' l-insulina u biex tiskopri l-eventwalità ta' ħsara fil-pompa ta' l-insulina, hu rakkomandat li tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek regolarment.

**X'tagħmel f'każ ta' ħsara fis-sistema tal-pompa**

Dejjem għandu jkollok metodu alternattiv biex tieħu l-insulina tiegħek li tista' tingħata bħala injezzjoni taħt il-ġilda jekk għal li jista' jkun ikollha l-ħsara s-sistema tal-pompa.

**Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost**

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

### a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulinaKomuni: jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

- ► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- ► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
- ► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta'

zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:
- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.

► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**b) Lista ta' effetti sekondarji oħra**

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## ċ) Effetti tad-dijabete

### Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

<u>Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:</u>

- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

<u>Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:</u>
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

<u>X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:</u>

- ► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq**:** ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta tal-kunjett u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

<u>**Qabel ma jinfetaħ**:</u> Aħżen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C - 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

<u>**Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala'**:</u> Il-prodott għandu jinħażen għal mhux iżjed minn 4 ġimgħat. Aħażen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friġġ jew fil-friża.

Armi l-labra wara kull injezzjoni.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

### X'fih NovoRapid

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull kunjett fih 1,000 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 10 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride , hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

.

**Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett**

NovoRapid issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1 jew 5 kunjetti ta' 10 ml jew pakkett multiplu ta' 5 pakketti ta' kunjett 1 x 10 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**NovoRapid Penfill 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**


1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid
3. Kif għandek tuża NovoRapid
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm wara 10–20 minuta mill-injezzjoni, l-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni u l-effett idum għal 3–5 sigħat. Minħabba din l-azzjoni qasira NovoRapid normalment għandu jittieħed flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul. Barra minn hekk, NovoRapid jista' jintuża għall-infużjoni kontinwa f'sistema ta' pompa.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid

**Tużax NovoRapid**

- ► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
- ► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4).
- ► Jekk l-iskartoċċ jew l-apparat li ġo fih hemm l-iskartoċċ jitwaqqa', tiġrilu l-ħsara jew jitgħaffeġ
- ► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid)
- ► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.

**Qabel ma tuża NovoRapid**

► Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina
► Dejjem iċċekkja l-iskartoċċ, inkluż il-planġer tal-gomma (tapp) fit-tarf tal-iskartoċċ. Tużahx jekk tara xi ħsara jew jekk il-planġer tal-gomma huwa mtella' aktar 'il fuq mill-faxx ta' tikketta bajda fit-tarf tal-iskartoċċ. Dan jista' jkun ir-riżultat ta' xi telf ta' insulina mill-iskartoċċ. Jekk għandek xi suspett li l-iskartoċċ għandu xi ħsara ħudu lura għand il-fornitur tiegħek. Ara l-manwal tal-pinna għal aktar istruzzjonijiet.
► Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni.
► Il-labar u NovoRapid penfill m'għandhom jinqasmu ma' ħaddieħor.
► NovoRapid Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda bl-użu ta' pinna li tista' terġa' tintuża. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:
► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet tal-injezzjonijiet tiegħek.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid**
Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>
- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista’ jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:
- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta’ pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta’ fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal “cortisone” użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta’ disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f’adulti ta’ mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta’ twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta’zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta’ żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta’ puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta’ insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b’xi sinjali ta’ insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta’ nifs mhux tas-soltu jew żieda ta’ malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista’ tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

Ħu parir mingħand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu xi mediċina.
► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista’ jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b’mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
► M’hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b’NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda’, itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta’ magni**
► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta’ spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista’ jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

NovoRapid jibda jaħdem malajr, u għalhekk jekk ikollok episodju ipogliċemiku dan jista' jseħħ aktar kmieni wara injezzjoni meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid

**Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina**

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Normalment, NovoRapid jittieħed eżatt qabel ikla. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mill-injezzjoni biex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata dritt wara l-ikel. Ara Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni aktar 'l isfel għall-informazzjoni.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

**Użu fit-tfal u fl-adolexxenti**

Fl-adolexxenti u fit-tfal u minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta tkun trid li l-prodott jibda jaħdem malajr . Per eżempju, meta jkun diffiċli biex tikkalkula d-doża tat-tifel/tifla fir-rigward tal-ħinijiet ta' l-ikel.

**Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti**

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

**Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**

NovoRapid huwa għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju) M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). NovoRapid Penfill huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda bl-użu ta' pinna li tista' terġa' tintuża. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża.Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer (ara sezzjoni 4 Effetti sekondarji possibbli). L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jew il-parti ta' quddiem ta' kuxxtejk . L-insulina taħdem aktar malajr jekk tiġi injettata fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek. Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

- ► Terġax timla l-iskartoċċ. Ladarba jiżvojta, għandu jintrema.
- ► L-iskrataċ ta' NovoRapid Penfill huma magħmula biex jintużaw mas-sistemi tal-għoti tal-insulina Novo Nordisk u mal-labar NovoFine jew NovoTwist.
- ► Jekk qed/a tiġi kkurat/a b'NovoRapid Penfill u skartoċċ Penfill ta' insulina oħra, għandek tuża żewġ sistemi tal-għoti tal-insulina, waħda għal kull tip ta' insulina.
- ► Dejjem żomm fuqek skartoċċ żejjed ta' Penfill fil-każ li tintilef jew jiġrilha l-ħsara.

**Kif tagħmel l-injezzjoni ta' NovoRapid**

► Injetta l-insulina taħt il-ġilda. Uża t-teknika tal-injezzjoni li rrakkomandalek it-tabib jew n-ners tiegħek u kif deskritt fil-manwal tal-pinna tiegħek.
► Żomm il-labra taħt il-ġilda għal mill-inqas 6 sekondi. Żomm il-buttuna tal-injezzjoni magħfusa kollha l-ġewwa sakemm tkun ħriġt il-labra minn ġol-ġilda. B'hekk taċċerta li tkun irċevejt id-doża kollha u tnaqqas il-possibbiltà li d-demm jgħaddi fil-labra jew fil-kontenitur tal-insulina.
► Neħħi u armi l-labra wara kull injezzjoni. Dejjem aħżen NovoRapid mingħajr ma l-labra tkun imwaħħla. Inkella, jista' joħroġ xi likwidu li jista' jkun il-kawża ta' teħid ta' doża żbaljata.

**Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost**

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**4. Effetti sekondarji possibbli**

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

**a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna**

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

<u>Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:</u>
- Tinjetta wisq insulinaKomuni: jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

<u>Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor</u>: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.

► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

## b) Lista ta' effetti sekondarji oħra

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

**ċ) Effetti tad-dijabete**

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)**

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:
- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:
- ► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq: ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta tal-iskartoċċ u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Dejjem żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra meta mhux qed tużah sabiex tilqa' mid-dawl.
NovoRapid għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx.

**Qabel ma jinfetaħ**: NovoRapid Penfill li ma jkunx qed jintuża għandu jinħażen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C sa 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

**Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala':** NovoRapid Penfill li jkun qed jintuża jew li qed jinġarr bħala sper m'għandux jinżamm fil-friġġ. Tista' ġġorru miegħek u żżommu f'temperatura ambjentali (inqas minn 30°C) sa 4 ġimgħat.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

### X'fih NovoRapid

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull skartoċċ fih 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 3 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride , hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

### Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett

NovoRapid issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 5 jew 10 skrataċ ta' 3 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

### Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u Manifattur

### Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

### Manifattur

Il-manifattur jista' jiġi identifikat permezz tan-numru tal-lott ipprintjat fuq il-kartuna u fuq it-tikketta:

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma S6,P5,K7, R7, VG, FG jew ZF, il-manifattur huwa, Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka.

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma H7 jew T6, il-manifattur huwa, Novo Nordisk Production SAS, 45, Avenue d'Orléans, F-28000 Chartres, Franza.

### Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi

### Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

# Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

## NovoRapid FlexPen 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest

insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjon 4.

**F'dan il-fuljett:**


1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid
3. Kif għandek tuża NovoRapid
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm wara 10–20 minuta mill-injezzjoni, l-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni u l-effett idum għal 3–5 sigħat. Minħabba din l-azzjoni qasira NovoRapid normalment għandu jittieħed flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul. Barra minn hekk, NovoRapid jista' jintuża għall-infużjoni kontinwa f'sistema ta' pompa.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid

### Tużax NovoRapid

- ► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
- ► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4)
- ► Jekk il-FlexPen titwaqqa', tiġrilha l-ħsara jew titgħaffeġ.
- ► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid)
- ► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.

**Qabel ma tuża NovoRapid**

► Iċċekkja t-tiketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina.
► Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni
► Il-labar u NovoRapid FlexPen m'għandhomx jinqasmu ma' ħaddieħor
► NovoRapid FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:
► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet tal-injezzjonijiet tiegħek.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid**
Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>
- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:</u>
- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)

- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta'zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

Ħu parir mingħand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu xi mediċina.
► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
► M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda', itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista' jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

NovoRapid jibda jaħdem malajr, u għalhekk jekk ikollok episodju ipogliċemiku dan jista' jseħħ aktar kmieni wara injezzjoni meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid

### Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju. Normalment, NovoRapid jittieħed eżatt qabel ikla. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mill-injezzjoni biex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata dritt wara l-ikel. Ara Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni aktar 'l isfel għall-informazzjoni.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

### Użu fit-tfal u fl-adolexxenti

Fl-adolexxenti u fit-tfal u minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta tkun trid li l-prodott jibda jaħdem malajr. Per eżempju, meta jkun diffiċli biex tikkalkula d-doża tat-tifel/tifla fir-rigward tal-ħinijiet ta' l-ikel.

### Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

### Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

NovoRapid huwa għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). NovoRapid FlexPen huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża.Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer ( 4 Effetti sekondarji possibbli). L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jew il-parti ta' quddiem ta' kuxxtejk . L-insulina taħdem aktar malajr jekk tiġi injettata fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

### Kif timmaniġġja NovoRapid FlexPen

NovoRapid FlexPen hija pinna mimlija għal-lest b'kodiċi ta' kulur li tintuża darba biss u fiha insulina aspart.

Aqra sew l-istruzzjoni dwar kif għandek tuża NovoRapid FlexPen inkluż ma' dan il-fuljett ta' tagħrif. Għandek tuża l-pinna kif deskritt fl-istruzzjonijiet dwar kif għandek tuża NovoRapid FlexPen**.**

Dejjem aċċerta ruħek li qed/a tuża l-pinna korretta qabel ma tagħmel l-injezzjoni tiegħek tal-insulina.

### Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (iperglicemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (iperglicemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

### a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:
- Tinjetta wisq insulinaKomuni: jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:
- ► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- ► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
- ► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:
- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.

► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

## b) Lista ta' effetti sekondarji oħra

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

### ċ) Effetti tad-dijabete

### Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

- ► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq**:** ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta ta' FlexPen u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Dejjem żomm il-kappa tal-pinna fuq il-FlexPen tiegħek meta ma tkunx qed/a tużaha sabiex tilqalha mid-dawl.
NovoRapid għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx.

**Qabel ma jinfetaħ:** NovoRapid FlexPen li ma tkunx qeda tintuża għandha tinħażen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C sa 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmiliex fil-friża.

**Waqt l-użu jew meta tinġarr għal li jista' jinqala'**: Tista' ġġorr miegħek in-NovoRapid FlexPen tiegħek u żżommha f'temperatura taħt 30ºC jew fi friġġ (2˚C sa 8˚C) sa 4 ġimgħat. Jekk iżżommha fil-friġġ, żommha 'l bogħod mill-element li jkessaħ. Tiffriżax.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

### X'fih NovoRapid

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 3 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride , hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

**Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett**

NovoRapid issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1 (mingħajr jew bil-labar), 5 (mingħajr labar) u 10 (mingħajr labar) pinen mimlijin għal-lest.
Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:**

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Manifattur:**

Il-manifattur jista' jiġi identifikat permezz tan-numru tal-lott ipprintjat fuq il-kartuna u fuq it-tikketta:

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma S6,P5,K7,R7,VG. FG jew ZF, il-manifattur huwa, Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka.

- Jekk it-tieni u t-tielet karattri huma H7 jew T6, il-manifattur huwa, Novo Nordisk Production SAS, 45, Avenue d'Orléans, F-28000 Chartres, Franza.

**Issa aqleb fuq in-naħa ta' wara għal tagħrif dwar kif għandek tuża l-FlexPen tiegħek.**

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

**Istruzzjonijiet dwar kif tuża s-soluzzjoni għall-injezzjoni NovoRapid fil-FlexPen.**

**Aqra sew l-istruzzjonijiet li ġejjin qabel ma tuża l-FlexPen tiegħek.** Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, jista' jkun li inti tieħu ftit wisq insulina jew tieħu insulina żejda, li jista' jwassal għal livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm.

Il-FlexPen tiegħek hija pinna tal-insulina mimlija għal-lest tat-tip isselezzjona-doża. Inti tista' tisselezzjona dożi minn 1 sa 60 unità f'inkrementi ta' unità 1. Il-FlexPen hi magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm. Bħala prekawzjoni, dejjem ġorr apparat żejjed li jkun jista' jagħti l-insulina, fil-każ li l-FlexPen tiegħek tintilef jew jiġrilha l-ħsara.




**Kif għadek tieħu ħsieb il-pinna tiegħek**

Il-FlexPen għandha tinżamm u tinġarr b'attenzjoni.
Jekk taqa', jiġrilha ħsara jew titgħaffeġ, hemm ir-riskju li toħroġ l-insulina. Dan jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.

Tista' tnaddaf il-parti ta' barra tal-FlexPen tiegħek billi timsaħha b'tajjara b'diżinfettant. M'għandekx ixxarrabha, taħsilha jew tillubrikaha għax dan jista' jagħmel ħsara lill-pinna.

Timliex il-FlexPen tiegħek mill-ġdid. Ladarba tiżvojta, għandha tintrema.

**Kif tipprepara in-NovoRapid FlexPen tiegħek**

**Iċċekkja l-isem u t-tikketta kkulurita tal-pinna tiegħek biex taċċerta ruħek li hija fiha t-tip ta' insulina li suppost.** Dan huwa importanti b'mod speċjali jekk inti tieħu aktar minn tip wieħed ta' insulina. Jekk inti tieħu t-tip ta' insulina żbaljata, il-livell taz-zokkor fid-demm jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.

**A**

Neħħi l-għatu tal-pinna.




**B**

Neħħi s-siġill tal-karti minn ma' labra ġdida li tintrema wara li tintuża.

Waħħal il-labra dritta u soda fuq il-FlexPen tiegħek billi tissikka l-kamin.



**C**
Neħħi l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra u żommu għal wara.



**D**
Neħħi l-għatu ta' ġewwa tal-labra u armih.

Qatt m'għandek tipprova tqiegħed l-għatu ta' ġewwa tal-labra lura fuq il-labra. Tista' titniggeż bil-labra.



⚠ Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

⚠ Oqgħod attent/a biex ma tgħawwiġx jew tagħmel ħsara 'l-labra qabel l-użu.

**Kif teżamina l-fluss tal-insulina**

**Qabel kull injezzjoni waqt l-użu normali, jistgħu jinġemgħu ammonti żgħar ta' arja ġol-iskartoċċ. Biex tevita l-injezzjoni tal-arja u tiżgura dożaġġ korrett:**

**E**
Dawwar is-selettur tad-doża sabiex tisselezzjona 2 unitajiet.




**F**
Żomm il-FlexPen tiegħek bil-labra tipponta 'l fuq u b'sebgħek tektek bil-mod l-iskartoċċ għal xi ftit drabi, biex jekk ikun hemm xi bżieżaq tal-arja dawn jinġabru fin-naħa ta' fuq tal-iskartoċċ




**G**
Filwaqt li żżomm il-labra ’l fuq, agħfas il-buttuna tal-injezzjoni kollha ’l ġewwa**.** Is-selettur tad-doża jirritorna fuq iż-0.

Qatra insulina għandha tidher fil-ponta tal-labra**.** Jekk dan ma jseħħx, ibdel il-labra u rrepeti l-proċedura sa mhux aktar minn 6 darbiet.

Jekk il-qatra tal-insulina tibqa’ ma tidhirx, il-pinna hija difettuża u għandek tuża waħda ġdida.




⚠ Dejjem aċċerta ruħek li tidher qatra fit-tarf tal-labra qabel ma tinjetta. Dan jaċċerta li l-insulina ħierġa. Jekk ma tidher l-ebda qatra, inti m’inti se tinjetta l-ebda insulina, anke jekk is-selettur tad-doża forsi jiċċaqlaq. Dan jindika li l-labra hija misduda jew fiha ħsara.

⚠ Dejjem iċċekkja l-fluss qabel tinjetta. Jekk ma tiċċekkjax il-fluss, inti tista’ tieħu ftit wisq jew ma tieħu l-ebda insulina. Dan jista’ jwassal għal livell għoli wisq ta’ zokkor fid-demm.

**Kif tisselezzjona d-doża**

**Aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża qiegħed fuq iż-0.**

**H**
Dawwar is-selettur tad-doża sabiex tisselezzjona n-numru ta’ unitajiet li jkollok bżonn tinjetta

Id-doża tista’ tkun aġġustata kemm ’il fuq u kemm ’l isfel billi ddawwar is-selettur tad-doża f’direzzjoni jew oħra sakemm l-indikatur ikun fuq id-doża li tkun trid. Waqt li tkun qed/a ddawwar is-selettur tad-doża, oqgħod attent/a biex ma tagħfasx il-buttuna ta’ l-injezzjoni għax inkella toħroġ l-insulina.

Ma tistax tisselezzjona doża akbar min-numru ta’ unitajiet li jkun fadal fl-iskartoċċ.



⚠ Dejjem użu s-selettur tad-doża u l-indikatur biex tara kemm-il unità għażilt qabel tinjetta l-insulina.

⚠ Tgħoddx il-klikks li tagħmel il-pinna. Jekk tagħżel id-doża l-ħażina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq. Tużax l-iskala ta' residwu, din turi biss bejn wieħed u ieħor kemm għad fadal insulina fil-pinna tiegħek.

**Biex tagħmel l-injezzjoni**

**Daħħal il-labra fil-ġilda tiegħek . Uża t-teknika ta' l-injezzjoni kif uriek it-tabib jew n-ners tiegħek.**

**I**

Agħti d-doża billi tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni kollha 'l ġewwa sakemm l-indikatur jiġi fuq iż-żero. Oqgħod attent/a li tagħfas biss il-buttuna ta' l-injezzjoni meta tkun qed/a tagħmel l-injezzjoni.

Billi ddawwar is-selettur tad-doża ma tkunx qed/a tagħti l-insulina.



**J**

Żomm il-buttuna tal-injezzjoni magħfusa kollha 'l ġewwa u ħalli l-labra taħt il-ġild għal mill-anqas 6 sekondi. Dan ser jiżgura li tieħu d-doża kollha.

Neħħi l-labra minn ġol-ġilda, imbagħad neħħi l-pressjoni minn fuq il-buttuna tal-injezzjoni.

Dejjem aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża jerġa' lura għal 0 wara l-injezzjoni. Jekk is-selettur tad-doża jieqaf qabel jerġa' lura għal 0, ma tkunx ingħatat id-doża sħiħa, li jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.



**K**

Qiegħed il-labra fl-għatu l-kbir ta' barra tal-labra mingħajr ma tmiss l-għatu. Meta l-labra tkun mgħottija, b'attenzjoni imbotta l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra biex jingħalaq sew fuq il-pinna u imbagħad ħoll il-labra.

Oqgħod attent kif tarmiha u erġa' poġġi l-għatu lura fuq il-pinna.



⚠ Dejjem neħħi l-labra wara kull injezzjoni u aħżen il-FlexPen mingħajr labra mwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija tal-insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

**Aktar informazzjoni importanti**

⚠ Persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra għandhom joqgħodu attenti ħafna meta jmissu labar użati – biex inaqqsu r-riskju ta' tingiż bil-labar u tixrid ta' infezzjoni mil-labar.

⚠ Armi l-FlexPen użata tiegħek b'attenzjoni mingħajr labra imwaħħla.

⚠ Qatt m'għandek issellef il-pinna jew il-labar tiegħek lil persuni oħra. Tista' ttihom jew jagħtuk infezzjoni.

⚠ Qatt m'għandek issellef il-pinna lil persuni oħra. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għal saħħithom.

⚠ Dejjem żomm il-pinna u l-labar tiegħek fejn ma' jidhrux u ma jintlaħqux minn ħaddieħor, speċjalment mit-tfal.

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**NovoRapid InnoLet 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**


1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid
3. Kif għandek tuża NovoRapid
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm wara 10 – 20 minuta mill-injezzjoni, l-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni u l-effett idum għal 3 – 5 sigħat. Minħabba din l-azzjoni qasira NovoRapid normalment għandu jittieħed flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul. Barra minn hekk, NovoRapid jista' jintuża għall-infużjoni kontinwa f'sistema ta' pompa.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid

**Tużax NovoRapid**

► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
► Jekk l-InnoLet titwaqqa', tiġrilha l-ħsara jew titgħaffeġ.
► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid)
► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.
**Qabel ma tuża NovoRapid**

- ► Iċċekkja t-tiketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina.
- ► Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni
- ► Il-labar u NovoRapid InnoLet m'għandhomx jinqasmu ma' ħaddieħor
- ► NovoRapid InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:

- ► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- ► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet tal-injezzjonijiet tiegħek.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid**

Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>

- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:</u>

- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)

- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta’ disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f’adulti ta’ mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta’ twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta’zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta’ żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta’ puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta’ insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b’xi sinjali ta’ insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta’ nifs mhux tas-soltu jew żieda ta’ malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista’ tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

Ħu parir mingħand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu xi mediċina.
► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista’ jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b’mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
► M’hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b’NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda’, itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta’ magni**
► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta’ spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista’ jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

NovoRapid jibda jaħdem malajr, u għalhekk jekk ikollok episodju ipogliċemiku dan jista’ jseħħ aktar kmieni wara injezzjoni meta mqabbel ma’ insulina umana solubbli.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid

**Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina**

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Normalment, NovoRapid jittieħed eżatt qabel ikla. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mill-injezzjoni biex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata dritt wara l-ikel. Ara Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni aktar 'l isfel għall-informazzjoni.
Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

**Użu fit-tfal u fl-adolexxenti**

Fl-adolexxenti u fit-tfal u minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta tkun trid li l-prodott jibda jaħdem malajr . Per eżempju, meta jkun diffiċli biex tikkalkula d-doża tat-tifel/tifla fir-rigward tal-ħinijiet ta' l-ikel.

**Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti**

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

**Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**

NovoRapid huwa għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). NovoRapid InnoLet huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża.Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer ( 4 Effetti sekondarji possibbli). L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jew il-parti ta' quddiem ta' kuxxtejk . L-insulina taħdem aktar malajr jekk tiġi injettata fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek. Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

**Kif timmaniġġja NovoRapid InnoLet**

NovoRapid InnoLet hija pinna mimlija għal-lest li tintuża darba biss u li fiha insulina aspart.

Aqra sew l-istruzzjoni dwar kif għandek tuża NovoRapid InnoLet inkluż ma' dan il-fuljett ta' tagħrif. Għandek tuża l-pinna kif deskritt fl-istruzzjonijiet dwar kif għandek tuża NovoRapid InnoLet.

Dejjem aċċerta ruħek li qed/a tuża l-pinna korretta qabel ma tagħmel l-injezzjoni tiegħek tal-insulina.

**Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost**

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

### a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:

- Tinjetta wisq insulinaKomuni: jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:

- ► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- ► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
- ► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom

bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:
- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.

► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**b) Lista ta' effetti sekondarji oħra**

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-

mediċina.

## ċ) Effetti tad-dijabete

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)**

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:

- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:

► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq**:** ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.

► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta ta' InnoLet u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Dejjem żomm il-kappa tal-pinna fuq l-InnoLet tiegħek meta ma tkunx qed/a tużaha sabiex tilqalha mid-dawl.
NovoRapid għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx.

**Qabel ma jinfetaħ:** NovoRapid InnoLet li ma tkunx qeda tintuża għandha tinħażen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C sa 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmiliex fil-friża.

**Waqt l-użu jew meta tinġarr għal li jista' jinqala'**: NovoRapid InnoLet li tkun qeda tintuża jew li qeda tinġarr bħala sper m'għandiex tinżamm fil-friġġ. Tista' ġġorrha miegħek u żżommha f'temperatura ambjentali (taħt 30ºC) sa 4 ġimgħat. .

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih NovoRapid**

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 3 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride , hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

**Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett**

NovoRapid issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqsijiet ta' pakketti ta' 1, 5 u 10 pinen mimlijin għal-lest ta' 3 ml. Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Issa aqleb fuq in-naħa ta' wara għal tagħrif dwar kif għandek tuża l-InnoLet tiegħek.**

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu

**Istruzzjonijiet dwar kif tuża s-soluzzjoni għall-injezzjoni NovoRapid f’InnoLet.**

**Aqra l-istruzzjonijiet sew qabel ma tuża l-InnoLet tiegħek.** Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, tista’ tieħu ftit wisq insulina jew tieħu insulina żejda, li jista’ jwassal għal livell għoli wisq jew baxx wisq ta’ zokkor fid-demm.

L-InnoLet tiegħek hija pinna mimlija għal-lest sempliċi u kompatta li tista’ tagħti dożi minn 1 sa 50 unità f’żidiet ta’ unità 1.
L-InnoLet hija magħmula biex tintuża mal-labar NovoFine jew NovoTwist li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta’ mhux iżjed minn 8 mm. Bħala prekawzjoni, dejjem ġorr apparat żejjed għall-għoti tal-insulina fil-każ li l-InnoLet tiegħek tintilef jew tiġrilha l-ħsara.




**Kif tibda**

**Iċċekkja l-isem u t-tikketta kkulurita** tal-InnoLet tiegħek biex taċċerta ruħek li hija fiha t-tip ta’ insulina li suppost. Dan huwa importanti b’mod speċjali jekk inti tieħu aktar minn tip wieħed ta’ insulina. Jekk inti tieħu t-tip ta’ insulina żbaljata, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista’ jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.
Neħħi l-għatu tal-pinna.

**Kif twaħħal il-labra**

- **Dejjem uża labra ġdida** għal kull injezzjoni. Dan inaqqas ir-riskju ta’ kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta’ insulina, labar misduda u għoti ta’ doża mhux preċiża.
- Oqgħod attent/a biex ma tgħawwiġx jew tagħmel ħsara’l-labra qabel l-użu.
- **Neħħi s-siġill tal-karti** minn ma’ labra ġdida li tintrema wara li tintuża.
- **Waħħal il-labra dritta u soda** fuq l-InnoLet tiegħek billi tissikka l-kamin (stampa **1A**).
- **Neħħi l-għatu l-kbir ta’ barra tal-labra u l-għatu ta’ ġewwa tal-labra.** Jista' jkun li tkun trid taħżen l-għatu l-kbir ta’ barra tal-labra fil-kompartiment.
- Qatt m’għandek tipprova tpoġġi l-għatu ta’ ġewwa tal-labra lura fuq il-labra. Tista’ titniggeż bil-labra.




**Preparazzjoni biex tneħħi l-arja qabel kull injezzjoni**

Waqt l-użu normali jistgħu jinġabru ammonti żgħar ta' arja fil-labra u fl-iskartoċċ.

Biex tevita l-injezzjoni tal-arja u taċċerta li tingħata d-doża korretta:

- **Isselezzjona 2 unitajiet** billi ddawwar is-selettur tad-doża lejn il-lemin.
- **Żomm l-InnoLet tiegħek bil-labra tipponta 'l fuq u b'sebgħek tektek bil-mod** l-iskartoċċ għal xi ftit drabi (stampa **1B**), biex jekk ikun hemm xi bżieżaq ta' l-arja dawn jinġabru fin-naħa ta' fuq ta' l-iskartoċċ.
- **Filwaqt li żżomm il-labra 'l fuq, agħfas il-buttuna tal-injezzjoni** u s-selettur tad-doża jirritorna fuq iż-0.
- **Dejjem aċċerta ruħek li tidher qatra fit-tarf tal-labra** qabel l-injezzjoni (stampa **1B)**. Dan jaċċerta li l-insulina ħierġa. Jekk dan ma jseħħx, ibdel il-labra u irrepeti l-proċedura mhux aktar minn 6 darbiet.

**Jekk qatra tal-insulina tibqa' ma titfaċċax, l-apparat hu difettuż u m'għandux jintuża**

- Jekk ma tidher l-ebda qatra, inti m'inti se tinjetta l-ebda insulina, anke jekk is-selettur tad-doża forsi jiċċaqlaq. Dan jindika li l-labra hija misduda jew fiha ħsara.

- Dejjem ħejji InnoLet għall-użu qabel ma inti tinjetta. Jekk ma tħejjix InnoLet għall-użu, inti tista' tieħu ftit wisq jew ma tieħu l-ebda insulina. Dan jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.




**Kif tissettja d-doża**

- **Dejjem iċċekkja li l-buttuna tal-injezzjoni tkun magħfusa ’l isfel għal kollox u li s-selettur tad-doża jkun issettjat fuq iż-0**.
- **Isselezzjona n-numru ta’ unitajiet li jkollok bżonn** billi ddawwar is-selettur tad-doża lejn il-lemin (stampa **2**).
- **Għandek tisma’ klikk għal kull unità li tisselezzjona.** Id-doża tista’ tkun irregolata billi ddawwar is-selettur tad-doża naħa jew oħra. Qis li ma’ ddawwarx is-selettur tad-doża jew tikkoreġi d-doża waqt li għandek il-labra mdaħħla fil-ġilda. Dan jista’ jwassal għal għoti ta’ doża mhux preċiża li jista’ jikkawża li z-zokkor fid-demm tiegħek ikun għoli wisq jew baxx wisq.

  Dejjem uża l-iskala tad-doża u s-selettur tad-doża biex tara kemm-il unità għażilt qabel tinjetta l-insulina. Tgħoddx il-klikks li tagħmel il-pinna. Jekk tagħżel u tinjetta d-doża l-ħażina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista’ jogħla wisq jew jitbaxxa wisq. Tużax l-iskala ta’ residwu, din turi biss bejn wieħed u ieħor kemm għad fadal insulina fil-pinna tiegħek.

Ma tistax tissettja doża akbar min-numru ta’ unitajiet li jkun fadal fl-iskartoċċ.




**Kif tinjetta l-insulina**

- **Daħħal il-labra fil-ġilda.** Uża t-teknika ta’ l-injezzjoni kif tak parir it-tabib tiegħek.
- **Agħti d-doża billi tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni, ’l isfel kemm tista’** (stampa **3**). Għandek tisma’ l-klikks hekk kif is-selettur tad-doża jmur lura fuq iż-0.
- **Wara l-injezzjoni, il-labra għandha tinżamm taħt il-ġilda għal mill-anqas 6 sekondi** biex tiżgura li d-doża kollha tkun ingħatat.
- **Kun żgur li ma timblukkax is-selettur tad-doża waqt li tkun qed/a tinjetta,** għax is-selettur tad-doża jrid jitħalla jmur lura fuq iż-0 meta tagħfas il-buttuna ta’ l-injezzjoni. Dejjem aċċerta ruħek li s-selettur tad-doża jerġa’ lura għal 0 wara l-injezzjoni. Jekk is-selettur tad-doża jieqaf qabel jerġa’ lura għal 0, ma tkunx ingħatat id-doża sħiħa, li jista’ jwassal għal livell għoli wisq ta’ zokkor fid-demm.
- Armi l-labra wara kull injezzjoni.




**Kif tneħħi l-labra**

- **Erġa' poġġi f'postu l-għatu l-kbir ta' barra tal-labra u ħoll il-labra** (stampa **4). Armiha bl-attenzjoni**.
- Erġa' poġġi l-għatu tal-pinna lura fuq l-InnoLet tiegħek biex tipproteġi l-insulina mid-dawl.




Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni. Dejjem għandek tneħħi u tarmi l-labra wara kull injezzjoni u taħżen l-InnoLet tiegħek mingħajr il-labra mwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

**Aktar informazzjoni importanti**

Persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra għandhom joqgħodu attenti ħafna meta jmissu labar użati – biex inaqqsu r-riskju li persuna titniggeż bil-labra jew li tieħu xi infezzjoni minnha.

Armi l-InnoLet użata b'attenzjoni mingħajr labra imwaħħla.

Qatt m'għandek issellef il-pinna jew il-labar tiegħek lil persuni oħra. Tista' ttihom jew jagħtuk infezzjoni.

Qatt m'għandek issellef il-pinna lil persuni oħra. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għal saħħithom.

Dejjem żomm l-InnoLet u l-labar tiegħek fejn ma' jidhrux u ma jintlaħqux minn ħaddieħor, speċjalment mit-tfal.

**Kif għadek tieħu ħsieb il-pinna tiegħek**

L-InnoLet tiegħek hi magħmula biex taħdem bi preċiżjoni u bla periklu. Għandha tkun immaniġġjata b'attenzjoni. Jekk taqa', jiġrilha ħsara jew titgħaffeġ, hemm ir-riskju li toħroġ l-insulina. Dan jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.
Tista' tnaddaf l-InnoLet tiegħek billi timsaħha b'tajjara b'diżinfettant. M'għandekx ixxarrabha, taħsilha jew tillubrikaha. Dan jista' jagħmel ħsara lill-mekkaniżmu u jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal biex il-livell taz-zokkor fid-demm jkun għoli wisq jew baxx wisq.
Timliex l-InnoLet tiegħek mill-ġdid. Ladarba tiżvojta, għandha tintrema.

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**NovoRapid FlexTouch 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni ġo pinna mimlija għal-lest**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid
3. Kif għandek tuża NovoRapid
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

## 1. X'inhu NovoRapid u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm wara 10 – 20 minuta mill-injezzjoni, l-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni u l-effett idum għal 3 – 5 sigħat. Minħabba din l-azzjoni qasira NovoRapid normalment għandu jittieħed flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul. Barra minn hekk, NovoRapid jista' jintuża għall-infużjoni kontinwa f'sistema ta' pompa.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid

**Tużax NovoRapid**

► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.
► Jekk il-FlexTouch titwaqqa', tiġrilha l-ħsara jew titgħaffeġ.
► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid)
► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.

**Qabel ma tuża NovoRapid**

► Iċċekkja t-tiketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina.
► Għal kull injezzjoni dejjem uża labra ġdida sabiex tevita l-kontaminazzjoni
► Il-labar u NovoRapid FlexTouch m'għandhomx jinqasmu ma' ħaddieħor
► NovoRapid FlexTouch huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:
► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet tal-injezzjonijiet tiegħek.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid**
Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>
- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:</u>
- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)

- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta'zokkor fid-demm.

<u>Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)</u>
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

Ħu parir mingħand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu xi mediċina.
► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.
► M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda', itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista' jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

NovoRapid jibda jaħdem malajr, u għalhekk jekk ikollok episodju ipogliċemiku dan jista' jseħħ aktar kmieni wara injezzjoni meta mqabbel ma' insulina umana solubbli.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid

### Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-doża tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Normalment, NovoRapid jittieħed eżatt qabel ikla. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mill-injezzjoni biex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, NovoRapid jista' jingħata dritt wara l-ikel. Ara Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni aktar 'l isfel għall-informazzjoni.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

### Użu fit-tfal u fl-adolexxenti

Fl-adolexxenti u fit-tfal u minn sena 'l fuq, NovoRapid jista' jintuża minflok insulina umana li tinħall meta tkun trid li l-prodott jibda jaħdem malajr. Per eżempju, meta jkun diffiċli biex tikkalkula d-doża tat-tifel/tifla fir-rigward tal-ħinijiet ta' l-ikel.

### Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

### Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni

NovoRapid huwa għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju). M'għandek qatt tinjetta lilek innifsek b'mod dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). NovoRapid FlexTouch huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Ma' kull injezzjoni, biddel is-sit tal-injezzjoni f'dak il-post partikulari tal-ġilda li tkun qed/a tuża.Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer ( 4 Effetti sekondarji possibbli). L-aħjar postijiet fejn tinjetta lilek innifsek huma: il-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq); il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jew il-parti ta' quddiem ta' kuxxtejk . L-insulina taħdem aktar malajr jekk tiġi injettata fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek. Dejjem għandek tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari.

### Kif timmaniġġja NovoRapid FlexTouch

NovoRapid FlexTouch hija pinna mimlija għal-lest b'kodiċi ta' kulur li tintuża darba biss u li fiha insulina aspart.

Aqra sew l-istruzzjoni dwar kif għandu jintuża NovoRapid FlexTouch inkluż ma' dan il-fuljett ta' tagħrif. Għandek tuża l-pinna kif deskritt fl-istruzzjonijiet dwar kif għandu jintuża NovoRapid FlexTouch.

Dejjem aċċerta ruħek li qed/a tuża l-pinna korretta qabel ma tagħmel l-injezzjoni tiegħek tal-insulina.

### Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (iperglicemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (iperglicemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

**a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna**

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

<u>Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:</u>
- Tinjetta wisq insulina
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

<u>Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor</u>: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

<u>X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:</u>
- ► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- ► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
- ► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna

medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:

- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.

► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**b) Lista ta' effetti sekondarji oħra**

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

### ċ) Effetti tad-dijabete

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)**

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:
- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:
- ► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq**:** ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta ta' FlexTouch u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Dejjem żomm il-kappa tal-pinna fuq il-FlexTouch tiegħek meta ma tkunx qed/a tużaha sabiex tilqalha mid-dawl.
NovoRapid għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx.

**Qabel ma jinfetaħ:** NovoRapid FlexTouch li ma tkunx qeda tintuża għandha tinħażen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C sa 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmiliex fil-friża.

**Waqt l-użu jew meta tinġarr għal li jista' jinqala'**: Tista' ġġorr miegħek in-NovoRapid FlexTouch tiegħek u żżommha f'temperatura taħt 30ºC jew fi friġġ (2˚C sa 8˚C) sa 4 ġimgħat. Jekk iżżommha fil-friġġ, żommha 'l bogħod mill-element li jkessaħ. Tiffriżax.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih NovoRapid**

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 3 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride , hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

**Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett**

NovoRapid issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqsijiet ta' pakketti ta'1 (mingħajr jew bil-labar), 5 (mingħajr labar) jew pakkett multiplu b'2 x 5 (mingħajr labar) pinen mimlijin għal-lest ta' 3 ml . Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Issa aqleb fuq in-naħa ta' wara għal tagħrif dwar kif għandek tuża l-FlexTouch tiegħek.**

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu

**Istruzzjonijiet dwar kif tuża s-soluzzjoni għall-injezzjoni NovoRapid 100 unità/ml f'pinna mimlija għal lest (FlexTouch)**

**Jekk jogħġbok aqra sew dawn l-istruzzjonijiet qabel ma tuża l-pinna mimlija għal-lest FlexTouch tiegħek.** Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, jista' jkun li inti tieħu ftit wisq insulina jew tieħu insulina żejda, li jista' jwassal għal livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm.

**Tużax il-pinna mingħajr taħriġ adattat** mit-tabib jew mill-infermier tiegħek.
Ibda' billi tiċċejjka l-pinna tiegħek biex **taċċerta ruħek li fiha NovoRapid 100 unità/ml**, imbagħad ħares lejn l-istampi fuq il-lemin biex titgħallem il-partijiet differenti tal-pinna u tal-labra tiegħek.

**Jekk inti tlift jew nieqes mid-dawl u ma tistax taqra n-numri tad-doża fuq il-pinna, tużax din il-pinna mingħajr għajnuna**. Ikseb għajnuna mingħand persuna b'vista' tajba li hija mħarrġa biex tuża l-pinna mimlija għal-lest FlexTouch.

Il-pinna NovoRapid FlexTouch tiegħek hija pinna tal-insulina mimlija għal-lest. NovoRapid FlexTouch fiha 300 unità ta' insulina u tagħti dożi minn 1 sa 80 unità, f'inkrementi ta' unità 1. NovoRapid FlexTouch hi magħmula biex tintuża mal-labar **NovoFine jew NovoTwist** li jintremew wara li jintużaw darba biss u li għandhom tul ta' mhux iżjed minn 8 mm.

**NovoRapid FlexTouch**




**Labra (eżempju)**




**Kif tipprepara l-pinna in-NovoRapid FlexTouch tiegħek**

**Iċċekkja l-isem u t-tikketta kkulurita tal-pinna NovoRapid FlexTouch tiegħek biex taċċerta ruħek li fiha t-tip ta' insulina li teħtieġ.** Dan huwa importanti b'mod speċjali jekk inti tieħu aktar

minn tip wieħed ta’ insulina. Jekk inti tieħu t-tip żbaljat ta’ insulina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista’ jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.

**A** Neħħi l-għatu tal-pinna.




**B** Iċċekkja li l-insulina fil-pinna tiegħek hija ċara u bla kulur. Ħares mit-tieqa tal-insulina. Tużax il-pinna, jekk l-insulina tidher imdardra.




**C** Ħu labra ġdida li tintrema wara li tintuża, u neħħi s-siġill tal-karti.




**D** Waħħal il-labra dritta fuq il-pinna. Kun ċert li l-labra hija ssikkata sew.




**E** Neħħi l-għatu l-kbir ta’ barra tal-labra u żommu għal wara. Se jkollok bżonnu wara l-injezzjoni sabiex tneħħi l-labra kif suppost minn mal-pinna.

Neħħi l-għatu ta’ ġewwa tal-labra u armih. Jekk terġa’ tipprova tqiegħdu, tista’ aċċidentalment titniggeż bil-labra.

Tista’ tidher qatra insulina fit-tarf tal-labra. Dan huwa normali.



⚠ **Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni.** Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża.

⚠ **Qatt tuża labra li hija mgħawwġa jew li fiha ħsara.**

**Kif teżamina l-fluss tal-insulina**

**Dejjem eżamina l-fluss tal-insulina qabel ma tisselezzjona u tinjetta d-doża tiegħek sabiex tiżgura li tirċievi d-doża sħiħa tiegħek.**

**F** Dawwar is-selettur tad-doża sabiex tisselezzjona 2 unitajiet.




**G** Żomm il-pinna bil-labra tipponta 'l fuq.

Tektek għal xi ftit drabi n-naħa ta' fuq tal-pinna sabiex jekk ikun hemm xi bżieżaq tal-arja dawn jitilgħu 'l fuq



**H** Permezz tas-saba' l-kbir, agħfas il-buttuna tal-injezzjoni sakemm in-numri tad-doża jiġu lura għal 0. In-numru 0 għandu jiġi bi dritt l-indikatur tad-doża. Qatra insulina se tidher fit-tarf tal-labra.

Jekk il-qatra ma tidhirx, irrepeti l-proċeduri minn **F** sa **H** sa 6 darbiet. Jekk ma tidhirx qatra wara dawn it-tentattivi ġodda, ibdel il-labra u rrepeti l-proċeduri **F** sa **H** għal darb'oħra

Tużax il-pinna jekk il-qatra tal-insulina tibqa' ma tidhirx.




⚠ **Dejjem aċċerta ruħek li tidher qatra** fit-tarf tal-labra qabel ma tinjetta. Dan jaċċerta li l-insulina ħierġa. Jekk ma tidher l-ebda qatra, inti **m'intix** se tinjetta insulina, anke jekk in-numri tad-doża forsi jiċċaqalqu. Dan jindika li l-labra hija imblukkata jew fiha ħsara.

⚠ **Dejjem iċċekkja l-fluss qabel tinjetta**. Jekk ma tiċċekkjax il-fluss, inti tista' tieħu ftit wisq jew ma tieħu l-ebda insulina. Dan jista' jwassal għal livell għoli ta' zokkor fid-demm.

**Kif tisselezzjona d-doża tiegħek**

**Uża s-selettur tad-doża fuq il-pinna NovoRapid FlexTouch tiegħek biex tagħżel id-doża tiegħek. Tista' tagħżel sa 80 unità f'kull doża.**

**I** Isselezzjona d-doża li għandek bżonn. Tista' ddawwar is-selettur tad-doża l-quddiem jew lura. Ieqaf meta n-numru eżatt ta' unitajiet jidher bi dritt l-indikatur tad-doża.

Is-selettur tad-doża jagħmel ħsejjes differenti meta tkun qed/a ddawru l-quddiem, lura jew tkun dawwart iżjed mill-unitajiet li fadal.

Meta l-pinna jkun fiha inqas minn 80 unità, in-numri tad-doża jieqaf fin-numru ta' unitajiet li jkun għad fadal.




⚠ **Dejjem uża n-numri tad-doża u l-indikatur tad-doża biex tara kemm-il unità tkun għażilt qabel ma tinjetta l-insulina.**
Tgħoddx il-klikks li tagħmel il-pinna. Jekk tagħżel id-doża l-ħażina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.
Tużax l-iskala tal-insulina, din turi biss bejn wieħed u ieħor kemm għad fadal insulina fil-pinna tiegħek.

ⓘ **Kemm għad fadal insulina?**
**L-iskala tal-insulina** turi **bejn wieħed u ieħor** kemm għad-fadal insulina fil-pinna tiegħek.




**Biex tara preċiżament kemm għad fadal insulina,** uża n-numri tad-doża:
Dawwar is-selettur tad-doża sakemm **in-numri tad-doża jieqfu jduru.** Jekk juri 80, għad fadal **mill-inqas 80** unità fil-pinna tiegħek. Jekk juri **inqas minn 80,** in-numru li jidher huwa n-numru ta' unitajiet li għad fadal fil-pinna tiegħek.

Dawwar is-selettur tad-doża lura sakemm in-numri tad-doża juru 0.

Jekk teħtieġ aktar insulina mill-unitajiet li għad fadal fil-pinna tiegħek, inti tista' tieħu d-doża tiegħek minn żewġ pinen.




⚠ **Oqgħod attent/a ħafna biex tikkalkula sew meta tkun qed taqsam id-doża tiegħek.**
Jekk ikollok xi dubju, ħu d-doża kollha bil-pinna l-ġdida. Jekk taqsam id-doża ħażin, inti se tinjetta ftit wisq insulina jew insulina żejda, li jista' jwassal għal livell ta' zokkor fid-demm li jkun għoli wisq jew baxx wisq.

**Kif tinjetta l-injezzjoni**

**Kun ċert li tirċievi d-doża kollha tiegħek billi tuża teknika koretta ta' injezzjoni.**

**J** Daħħal il-labra fil-ġilda skont kif ġejt muri mit-tabib/a jew ners. Kun ċert li tista' tara n-numri tad-doża. Tmissx in-numri tad-doża b'subgħajk. Dan jista' jfixkel l-injezzjoni.

Agħfas il-buttuna tal-injezzjoni sakemm in-numri tad-doża jiġu lura għal 0. Iż-0 għandu jiġi bi dritt l-indikatur tad-doża. Inti mbagħad tista' tisma' jew tħoss xi klikk.

- Wara li n-numri tad-doża imorru lura għal 0, ħalli l-labra taħt il-ġilda għal **mill-inqas 6 sekondi** sabiex tkun ċert li tieħu d-doża kollha.




K Neħħi l-labra mill-ġilda.

Wara li tkun għamilt hekk, tista' tara qatra insulina fit-tarf tal-labra. Dan hu normali u m'għandu ebda effett fuq id-doża li tkun għadek kemm irċevejt.

ⓘ **Dejjem armi l-labra wara kull injezzjoni.** Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija ta' insulina, labar misduda u għoti ta' doża mhux preċiża. Jekk il-labra hija misduda, inti **m'intix** se tinjetta insulina.




**L** Fuq wiċċ ċatt, daħħal it-tarf tal-labra fl-għatu ta' barra tal-labra. Tmissx il-labra jew l-għatu.

Ladarba l-labra tkun mgħottija, imbotta bil-mod sabiex tagħlaq kompletament l-għatu ta' barra tal-labra u mbagħad ħoll il-labra. Oqgħod attent kif tarmiha u wara kull użu erġa' poġġi lura l-għatu tal-pinna.

Meta l-pinna tkun vojta, armiha mingħajr ma jkollha labra mwaħħla, kif infurmawk it-tabib/a, in-ners, l-ispiżjar jew l-awtoritajiet lokali tiegħek.




⚠ **Dejjem ħares lejn in-numri tad-doża biex tkun taf kemm-il unità tinjetta.**
In-numri tad-doża se juri n-numru preċiż ta' unitajiet. Tgħoddx il-klikks tal-pinna.
Żomm il-buttuna tad-doża l-isfel sakemm in-numri tad-doża jmorru lura għal 0 wara l-injezzjoni. Jekk in-numri tad-doża jieqfu qabel ma jmorru lura għal 0, ma tkunx ingħatat id-doża kollha, li jista' jwassal għal livell għoli wisq ta' zokkor fid-demm.

⚠ **Qatt m'għandek tipprova terġa' tqiegħed l-għatu ta' ġewwa tal-labra lura fuq il-labra**. Tista' titniggeż bil-labra.

⚠ **Dejjem neħħi l-labra wara kull injezzjoni** u aħżen il-pinna tiegħek mingħajr labra mwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, tnixxija tal-insulina, labar misduda u doża mhux preċiża.

**Kif għandek tieħu ħsieb il-pinna tiegħek**

Ibża għall-pinna tiegħek. L-użu goff jew ħażin jista' jikkawża għoti ta' doża mhux preċiża, li jista' jwassal għal livell ta' zokkor fid-demm li jkun għoli wisq jew baxx wisq.

- **Tħallix il-pinna f'karozza** jew f'xi post ieħor fejn tista' ssir taħraq wisq jew tiksah wisq.
- **Tesponix il-pinna tiegħek għal trab, ħmieġ jew likwidu**.
- **Taħsilx, ixxarrabx u tillubrikax il-pinna tiegħek**. Jekk ikun meħtieġ, naddafha b'deterġent mhux qawwi fuq ċaruta niedja.
- **Twaqqax il-pinna tiegħek** jew tħabbatha ma' uċuħ ibsin.
  Jekk twaqqagħha jew taħseb li hemm problema, waħħal labra ġdida u ċċekkja l-fluss tal-insulina qabel tinjetta.
- **Tippruvax terġa' timla l-pinna tiegħek**. Ladarba tiżvojta, għandha tintrema.
- **Tippruvax issewwi l-pinna tiegħek** jew iżżarmaha.

⚠ **Informazzjoni importanti**

- **Dejjem żomm il-pinna miegħek**.
- **Dejjem ġorr** miegħek **pinna żejda u labar ġodda,** f'każ li jintilfu jew jiġrilhom ħsara.
- Dejjem żomm il-pinna u l-labar tiegħek **fejn ma' jidhrux u ma jintlaħqux minn ħaddieħor**, speċjalment mit-tfal.
- **Qatt m'għandek issellef** il-pinna jew il-labar tiegħek lil persuni oħra. Tista' ttihom jew jagħtuk infezzjoni.
- **Qatt m'għandek issellef** il-pinna lil persuni oħra. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għal saħħithom.
- Persuni li jieħdu ħsieb persuni oħra **għandhom joqgħodu attenti ħafna meta jmissu labar użati** – biex inaqqsu r-riskju ta' tingiż bil-labar u tixrid ta' infezzjoni mil-labar.

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent**

**NovoRapid PumpCart 100 unità/ml soluzzjoni għall-injezzjoni f'skartoċċ**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, jekk jogħġbok staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu NovoRapid PumpCart u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid PumpCart
3. Kif għandek tuża NovoRapid PumpCart
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen NovoRapid PumpCart
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

## 1. X'inhu NovoRapid PumpCart u għalxiex jintuża

NovoRapid huwa insulina moderna (analogu tal-insulina) li jibda jaħdem malajr. Prodotti moderni tal-insulina huma verżjonijiet imtejba tal-insulina umana.

NovoRapid jintuża biex tnaqqas il-livell għoli ta' zokkor fid-demm fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq li għandhom id-dijabete mellitus (id-dijabete). Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Kura b'NovoRapid tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

NovoRapid PumpCart huwa għall-użu f'pompa u jkopri l-ħtiġijiet kollha tiegħek tal-insulina ta' ġurnata: kemm il-ħtieġa tiegħek tal-insulina ta' matul il-ġurnata (bażilari) u kemm dawk tal-ħin tal-ikel (bolus). Qabel ma tuża NovoRapid PumpCart fil-pompa, trid tkun irċevejt istruzzjonijiet estensivi mit-tabib jew min-ners.

**Ħtiġijiet bażilari (tul il-ġurnata) tal-insulina:** Meta tuża NovoRapid PumpCart f'pompa, l-insulina tiegħek se tingħata b'mod kostanti sabiex tkopri il-ħtieġa bazilari tiegħek tal-insulina. Jekk tbiddel is-setting tal-insulina bażilari, il-bidla se tibda taffettwak fi żmien 10-20 minuta. Jekk twaqqaf il-pompa, l-effett tal-insulina se jibqa' għal 3 sa 5 sigħat. Qabel ma tissettja jew tbiddel ir-rata bażilari, aqra sew il-manwal tal-pompa ( gwida għall-utent).

**Ħtiġijiet bolus (ħin tal-ikel) tal-insulina:** NovoRapid jibda jnaqqaslek il-livell taz-zokkor fid-demm fi żmien 10–20 minuta minn meta tibda għotja ta' bolus ( ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid PumpCart, għal aktar informazzjoni dwar kif tbiddel id-doża tiegħek tal-bolus). L-effett massimu jseħħ bejn siegħa u 3 sigħat wara l-għoti tal-bolus u l-effett idum għal 3 sa 5 sigħat.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża NovoRapid PumpCart

### Tużax NovoRapid PumpCart

- ► Jekk inti allerġiku/a għal insulina aspart, jew għal xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina (ara sezzjoni 6, Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra).
- ► Jekk qiegħed/qegħda tissusspetta bidu ta' ipogliċemija (livell baxx ta' zokkor fid-demm). (ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4).
- ► Jekk l-iskartoċċ jew l-apparat li ġo fih hemm l-iskartoċċ jitwaqqa', tiġrilu l-ħsara jew jitgħaffeġ
- ► Jekk ma ġiex maħżun tajjeb jew ġie ffriżat (ara sezzjoni 5 Kif taħżen NovoRapid PumpCart)
- ► Jekk l-insulina ma tidhirx ċara u bla kulur.

Jekk xi wieħed minn dawn japplika għalik, tużax NovoRapid PumpCart. Tkellem mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek għal parir.

### Qabel ma tuża NovoRapid PumpCart

- ► Iċċekkja t-tikketta biex taċċerta li hija t-tip korrett ta' insulina
- ► Dejjem iċċekkja l-iskartoċċ, inkluż il-planġer tal-gomma fit-tarf tal-iskartoċċ. Tużahx jekk tara xi ħsara jew jekk il-planġer tal-gomma huwa mtella' aktar 'il fuq mill-faxx ta' tikketta bajda fit-tarf tal-iskartoċċ. Dan jista' jkun ir-riżultat ta' xi telf ta' insulina mill-iskartoċċ. Jekk għandek xi suspett li l-iskartoċċ għandu xi ħsara ħudu lura għand il-fornitur tiegħek.
- ► Is-settijiet tal-infużjoni (it-tubi u l-labar) u NovoRapid PumpCart m'għandhom jinqasmu ma' ħaddieħor.
- ► NovoRapid PumpCart huwa tajjeb biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda (b'mod subkutanju) bl-użu ta' pompa. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

### Twissijiet u prekawzjonijiet

Xi kondizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw il-ħtieġa tiegħek għall-insulina. Ikkonsulta lit-tabib tiegħek.:

- ► Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- ► Jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- ► Jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kkonsulta mat-tabib tiegħek.
- ► Jekk ser issiefer, li tivvjaġġa fuq medda ta' żoni tal-ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek u l-ħinijiet ta' l-injezzjonijiet tiegħek.

### Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni

Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża NovoRapid). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

### Tfal u adolexxenti

Tagħtix din il-mediċina lit-tfal taħt l-età ta' sena peress li ma sarux studji kliniċi f'tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u NovoRapid PumpCart**

Għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u dan jista' jfisser li d-doża tiegħek tal-insulina għandha tinbidel. Hawn taħt hawn elenkati l-aktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw it-trattament tiegħek bl-insulina.

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:
- Mediċini oħra għall-kura tad-dijabete
- Inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati fil-kura tad-dipressjoni)
- Beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm)
- Inibituri ta' l-enżima li tikkonverti anġjotensin (ACE) (użati fil-kura ta' xi kundizzjonijiet tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm)
- Salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jbaxxu d-deni)
- Sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- Sulphonamides (użati fil-kura ta' infezzjonijiet)

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:
- Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw it-tqala)
- Thiazides ( użati fil-kura ta' pressjoni għolja fid-demm jew żamma eċċessiva ta' fluwidi)
- Glukokortikojdi (bħal "cortisone" użat fil-kura tal-infjammazzjoni)
- Ormoni tat-tirojde ( użati fil-kura ta' disturbi fil-glandola tat-tirojde)
- Simpatomimetiċi ( bħal epinephrine [adrenaline] jew salbutamol, terbutaline użati fil-kura tal-ażma)
- Ormon tat-tkabbir (mediċina li tistimula t-tkabbir skeltrali u somatiku u għandha effett qawwi fuq il-proċessi metaboliċi tal-ġisem)
- Danazol (mediċina li għandha effett fuq l-ovulazzjoni)

Octreotide u lanreotide (użati fil-kura tal-akromegalija, disturb ormonali rari li ħafna drabi jseħħ f'adulti ta' mezza età, ikkawżat mill-glandola pitwitarja li tipproduċi ammont żejjed mill-ormon tat-tkabbir) jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Il-beta-blokkanti (użati fil-kura tal-pressjoni għolja fid-demm) jistgħu jnaqqsu jew ineħħu għal kollox l-ewwel sintomi ta' twissija li jgħinuk biex tagħraf livell baxx ta'zokkor fid-demm.

Pioglitazone (pilloli użati fil-kura tad-dijabete mellitus tat-tip 2)
Xi pazjenti, li ilhom għal tul ta' żmien ibatu mid-dijabete tat-tip 2 u mill-mard tal-qalb jew kellhom xi attakk preċedenti ta' puplesija u li ġew ikkurati bi pioglitazone u l-insulina, kellhom l-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka. Għarraf lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli jekk tinduna b'xi sinjali ta' insuffiċjenza kardijaka bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata (edima).

Jekk ħadt xi wieħed minn dawn il-mediċini elenkati hawn fuq, għid lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar.

**Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid**

► Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel għax il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel.Huwa rakkomandat monitoraġġ tajjeb.

**Tqala u treddigħ**

► Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Novorapid jista' jintuża waqt it-tqala. Jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża ta' l-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek b'mod partikulari l-prevenzjoni ta' l-ipogliċemija, hija importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek.

► M'hemm ebda restrizzjonijiet għall-kura b'NovoRapid waqt it-treddigħ.

Waqt li inti tqila jew qiegħga tredda', itlob il-parir tat-tabib, tan-ners jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**

► Jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jekk tistax issuq karozza jew tħaddem magna:
- Jekk ikollok ipogliċemiji ta' spiss
- Jekk issibha diffiċli li tagħraf l-ipogliċemija.

Jekk iż-żokkor fid-demm huwa baxx jew għoli, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġġixxi jista' jiġi affettwat u għalhekk ukoll il-ħila tiegħek biex issuq jew tħaddem xi magna. Żomm f'moħħok li tista' tkun ta' periklu għalik innifsek jew għall-oħrajn.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti ta' NovoRapid**

NovoRapid fih inqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) għal kull doża, i.e tista tgħid li NovoRapid huwa 'bla sodium'.

## 3. Kif għandek tuża NovoRapid PumpCart

**Dożaġġ u meta għandek tieħu l-insulina**

Dejjem għandek tuża l-insulina tiegħek u taġġusta d-dożi bażilari (tul il-ġurnata) u bolus (ħin tal-ikel) tiegħek skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib, man-ners jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju. L-insulina bolus (ħin tal-ikel) tiegħek trid tkun aġġustata skont il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek u t-teħid tal-ikel. Kul ikla jew ikla ħafifa fi żmien 10 minuti mid-doża bolus sabiex tevita livell baxx ta' zokkor fid-demm. Meta jkun hemm bżonn, tista' tieħu id-doża bolus eżatt wara li tkun spiċċajt tiekol.

Tbiddilx l-insulina tiegħek sakemm ma jgħidlekx it-tabib tiegħek. Jekk it-tabib tiegħek biddlek minn tip jew għamla ta' insulina għal oħra, id-doża tiegħek tista' tkun trid tiġi aġġustata mit-tabib tiegħek.

**Użu fit-tfal u fl-adolexxenti**

NovoRapid jista' jintuża fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq.

**Użu f'gruppi speċjali ta' pazjenti**

Jekk għandek xi tnaqqis fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi, jew jekk għandek iżjed minn 65 sena, trid tiċċekkja z-zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari u tiddiskuti tibdil fid-doża tal-insulina tiegħek mat-tabib tiegħek.

**Kif u fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**

NovoRapid PumpCart huwa tajjeb biss għall-injezzjoni taħt il-ġilda (b'mod subkutanju) permezz ta' pompa. M'għandek qatt tinjetta dirett ġo vina (teħid minn ġol-vini) jew ġo muskolu (teħid minn ġol-muskoli). Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

Qabel ma tuża NovoRapid PumpCart f'pompa, trid tkun irċevejt taħriġ estensiv fl-użu tal-pompa u informazzjoni dwar x'għandek tagħmel f'każ ta' mard, livell għoli wisq jew baxx wisq ta' zokkor fid-demm jew il-pompa ma taħdimx. Segwi l-istruzzjonijiet u l-parir tat-tabib tiegħek dwar l-użu ta' NovoRapid PumpCart fil-pompa.

Normalment, tinjetta l-insulina tiegħek fil-parti ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq). Tista' wkoll tuża l-koxxa jew il-parti ta' fuq ta' dirgħajk jekk ikun irrakkomandalek hekk it-tabib. Meta tbiddel is-sett tal-infużjoni (it-tubi u l-labar), kun ċert li tbiddel il-post fejn iddaħħal il-labra (is-sit tal-injezzjoni). Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa nefħiet jew il-ġilda titħaffer ( ara sezzjoni 4, Effetti sekondarji possibbli). Il-mod kif tbiddel is-sett tal-infużjoni għandu jsir skont l-istruzzjonijiet fil-manwal ipprovdut mas-sett tal-infużjoni.

**Meta tkun qed/a tuża pompa tal-insulina**

Sabiex tieħu l-benefiċċju massimu mill-mod tat-teħid tal-insulina u biex tassigura li l-pompa qeda taħdem sew, trid tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek b'mod regolari. Jekk ikollok xi kwalunkwe problema kkuntattja lit-tabib tiegħek.

- ► NovoRapid PumpCart qiegħed biex jintuża biss ma' pompa tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump.
- ► NovoRapid PumpCart huwa skartoċċ mimli minn qabel lest biex jintuża b'mod dirett fil-pompa. Segwi l-manwal tal-pompa (gwida għall-utent).
- ► Biex tkun ċert li qed/a tieħu d-doża korretta, NovoRapid PumpCart m'għandux jintuża f'pinna tal-insulina.
- ► Meta jintuża f'pompa, NovoRapid m'għandu qatt jitħallat ma' xi prodott mediċinali ieħor inklużi prodotti oħra tal-insulina.
- ► Terġax timla l-iskartoċċ mill-ġdid. Ladarba jiżvojta, għandu jintrema.
- ► Dejjem żomm fuqek NovoRapid PumpCart żejjed.

Aqra sew l-istruzzjonijiet dwar kif għandek tuża NovoRapid PumpCart inklużi f'dan il-fuljett ta' tagħrif.

**X'għandek tagħmel f'każ ta' ħsara fil-pompa**

Kun ċert li għandek metodu alternattiv ta' għoti tal-insulina tiegħek li tkun tista' tingħata bħala injezzjoni minn taħt il-ġilda (per eżempju, injetattur ta' pinna) f'każ li l-pompa tieqaf taħdem.

**Jekk tieħu iżjed insulina milli suppost**

Jekk tieħu iżżejjed insulina l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa wisq (ipogliċemija). Ara a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna f'sezzjoni 4.

**Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek**

Jekk tinsa tieħu l-insulina tiegħek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

**Jekk tieqaf tieħu l-insulina tiegħek**

Twaqqafx l-insulina tiegħek mingħajr ma titkellem ma' tabib li se jgħidlek x'hemm bżonn li jsir. Dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi. Ara ċ) Effetti tad-dijabete f'sezzjoni 4.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**4. Effetti sekondarji possibbli**

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f' kulħadd.

## a) Sommarju ta' effetti sekondarji serji u komuni ħafna

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa effett sekondarju komuni ħafna. Jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10.

Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:
- Tinjetta wisq insulinaKomuni: jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100
- Tiekol ftit wisq jew taqbeż ikla
- Tagħmel eżerċizzju aktar mis-soltu
- Tixrob l-alkoħol (ara Tixrob l-alkoħol u tieħu NovoRapid f'sezzjoni 2)

Is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor: għaraq kiesaħ; ġilda kiesħa u pallida; uġigħ ta' ras; taħbit mgħaġġel tal-qalb, tħossok imqalla'; tħossok ħafna bil-ġuħ; tibdil temporanju fil-vista; ngħas, għeja u debbulizza mhux tas-soltu; nervożitá jew rogħda; tħossok ansjuż; tħossok konfuż; diffikultà fil-konċentrazzjoni.

Livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm jista' jwassal li tintilef minn sensik. Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor fid-demm ma tiġix ikkurata, tista' tikkawża ħsara lill-moħħ (temporanju jew permanenti) kif ukoll il-mewt. Tista' tirkupra aktar malajr mit-telf tas-sensi b'injezzjoni ta' l-ormon glucagon mogħti minn xi ħadd li jaf jużah. Jekk tingħata glucagon, ser ikollok bżonn tieħu glucose jew xi ħaġa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik. Jekk ma tirrispondix għall-kura bi glucagon, ser ikollok bżonn tiġi kkurat ġewwa sptar.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm:
- ► Jekk tesperjenza livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu pilloli tal-glucose jew xi ikla ħafifa b'ħafna zokkor (ħelu, biskuttini, meraq tal-frott). Jekk ikun possibbli ,iċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm u strieħ. Dejjem ġorr miegħek pilloli tal glucose, ħelu, biskuttini jew meraq tal-frott, għal li jista' jkun.
- ► Meta s-sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm ikun ġie lura għan-normal, kompli l-kura bl-insulina.
- ► Jekk ikollok daqshekk livell baxx ta' zokkor fid-demm li tagħtik ħass ħażin, jekk kellek bżonn ta' injezzjoni ta' glucagon jew kellek ħafna episodji ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, tkellem ma' tabib. L-ammont jew il-ħin ta' meta tieħu l-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju jistgħu jkollhom bżonn jiġu aġġustati

Għid lil dawk il-persuni li huma importanti għalik li għandek id-dijabete u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi , inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin (tintilef minn sensik) minħabba livell baxx ta' zokkor fid-demm. Għidilhom li jekk tħossok ħażin għandhom idawruk fuq ġenbek u jġibu għajnuna medika minnufih. M'għandhomx jagħtuk ikel jew xorb għax ikun hemm ir-riskju li tifga.

**Reazzjonijiet allerġiċi serji** għal NovoRapid jew għal xi wieħed mis-sustanzi tiegħu (imsejħa reazzjoni allerġika sistemika) hija effett sekondarju rari ħafna iżda tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Tista' taffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 10,000..

Fittex parir mediku minnufih:
- Jekk is-sinjali ta' l-allerġija jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem.
- Jekk tħossok ma tiflaħx f'daqqa, u: tibda tegħreq; tibda titqalla' (tirrimetti); ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs; ikollok taħbit mgħaġġel tal-qalb; tħossok stordut.
- ► Jekk tinduna b'kwalunkwe wieħed minn dawn is-sinjali, fittex parir mediku minnufih.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (jista' jaffettwa inqas minn persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; mhux magħruf kemm din isseħħ ta' spiss). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

## b) Lista ta' effetti sekondarji oħra

**Effetti sekondarji mhux komuni**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 100

Sinjali ta' allerġija: Reazzjonijiet allerġiċi lokali (uġigħ, ħmura,urtikarja, infjammazzjoni, tbenġil, nefħa u ħakk), fis-sit ta' l-injezzjoni. Dawn normalment imorru wara ftit ġimgħat li tkun qed tieħu l-insulina tiegħek. Jekk ma jmorrux jew jekk jinxterdu għal partijiet oħrajn tal-ġisem, kellem lit-tabib tiegħek minnufih. Ara aktar 'il fuq Reazzjonijiet allerġiċi serji.

Problemi bil-vista: Meta tibda l-kura tiegħek bl-insulina, din tista' tagħtik xi fastidju fil-viżta, iżda normalment dan il-fastidju jkun temporanju.

Ġogi minfuħin: Meta tibda tieħu l-insulina, iż-żamma ta' l-ilma tista' tikkawżalek nefħa madwar l-għekiesi u ġogi oħra. Normalment dan malajr imur. Jekk le, tkellem mat-tabib tiegħek.

Retinopatija dijabetika (mard tal-għajnejn relatata mad-dijabete li tista' twassal għat-telf tal-vista): Jekk għandek ir-retinopatija dijabetika u l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, ir-retinopatija tista' tmur għall-agħar. Staqsi lit-tabib tiegħek dwar dan.

**Effetti sekondarji rari**
Jistgħu jaffettwaw inqas minn persuna 1 minn kull 1,000.

Newropatija bl-uġigħ (uġigħ minħabba dannu lin-nervituri): Jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjiebu malajr ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri. Din tissejjaħ newropatija akuta bl-uġigħ u normalment hija tranżitorja.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-infermier jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## ċ) Effetti tad-dijabete

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)**

Jista' jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm jekk:
- Ma injettajtx biżżejjed insulina
- Insejt tinjetta l-insulina tiegħek jew waqaft tieħu insulina
- Tinjetta inqas insulina milli teħtieġ ripetutament
- Ikollok xi infezzjoni jew xi deni
- Tiekol aktar mis-soltu
- Tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu.

Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm:
Is-sinjali ta' twissija jidhru gradwalment. Dawn jinkludu: tgħaddi iżjed awrina, tħossok bil-għatx; titlef l-aptit; tħossok imqalla' (dardir jew rimettar); tħossok bi ngħas jew għajjien; ħmura u ġilda xotta; ħalq xott u riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq.

X'għandek tagħmel jekk tesperjenza livell għoli ta' zokkor fid-demm:
- ► Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sinjali t'hawn fuq**:** ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek; jekk tista', ittestja l-awrina għal ketones, imbagħad fittex parir mediku minnufih.
- ► Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi dijabetika (jiżdied l-ammont ta' aċtu fid-demm peress li l-ġisem qiegħed jimmetabolizza x-xaħam minflok iz-zokkor). Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment għall-

mewt.

## 5. Kif taħżen NovoRapid PumpCart

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta tal-iskartoċċ u l-kaxxa, wara 'JIS'. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
Dejjem żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra meta mhux qed tużah sabiex tilqa' mid-dawl.
NovoRapid PumpCart għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx waqt li jkun qed jinħażen u waqt l-użu.

**Qabel ma jinfetaħ**: NovoRapid PumpCart li ma jkunx qed jintuża għandu jinħażen fi friġġ f'temperatura ta' 2°C sa 8°C, 'il bogħod mill-element li jkessaħ. Tagħmlux fil-friża.

**Waqt l-użu jew meta jinġarr għal li jista' jinqala'**: NovoRapid PumpCart li jkun qed jintuża m'għandux jinżamm fil-friġġ. NovoRapid PumpCart li jkun qed jinġarr għal li jista' jinqala' jista' jinżamm sa ġimgħatejn taħt 30°C. Wara dan iż-żmien jista' jintuża għal mhux aktar minn 7 ijiem f'temperatura taħt 37°C f'pompa magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump. Żomm NovoRapid PumpCart fil-folja tiegħu sakemm jintuża sabiex ma jiġrilux ħsara. Waqt l-użu dejjem żomm l-iskartoċċ 'il bogħod mid-dawl.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

### X'fih NovoRapid PumpCart

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Kull millilitru fih 100 Unità ta' insulina aspart. Kull skartoċċ fih 160 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni għall-injezzjoni ta' 1.6 ml.
- Is-sustanzi l-oħra huma glycerol, phenol, metacresol, zinc chloride, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, hydrochloric acid, sodium hydroxide u ilma għall-injezzjonijiet

### Kif jidher NovoRapid u l-kontenut tal-pakkett

NovoRapid PumpCart issibu bħala soluzzjoni għall-injezzjoni.

Daqs ta' pakkett ta' 5 skrataċ u pakkett multiplu li fih 25 skartoċċ (5 pakketti ta' 5) ta' 1.6 ml. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

Is-soluzzjoni hija ċara u bla kulur.

### Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

Novo Nordisk A/S, Novo Allé, DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Jekk jogħġbok issa kompli għall-informazzjoni fl-'Istruzzjonijiet dwar kif għandek tuża l-skartoċċ mimli għal-lest NovoRapid PumpCart'.**

### Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar fi

### Sorsi oħra ta' informazzjoni

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

**Istruzzjonijiet dwar kif tuża l-iskartoċċ mimli għal-lest NovoRapid PumpCart**

**In-NovoRapid PumpCart qiegħed biex jintuża biss ma' sistema ta' pompa għall-infużjoni tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ, bħal ma huma l-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump. M'għandux jintuża ma' apparat ieħor mhux magħmul għal NovoRapid PumpCart, għax dan jista' jirriżulta f'għoti ta' doża ħażina ta' insulina li tista' twassal għal iper jew ipogliċemija.**

**Jekk jogħġbok aqra sew dawn l-istruzzjonijiet** qabel ma tuża n-NovoRapid PumpCart tiegħek.

**Jekk jogħġbok aqra wkoll il-manwal tal-pompa (gwida għall-utent)** li jiġi mal-pompa tal-insulina tiegħek.

⚠ Agħti attenzjoni partikolari għal dawn in-noti peress li huma importanti għall-użu mingħajr periklu ta' NovoRapid PumpCart.

- Uża l-pompa u l-iskartoċċ bil-kawtela u segwi sew l-istruzzjonijiet. L-immaniġġar goff jew l-użu ħażin jista' jikkawża dożaġġ li ma jkunx preċiż u jista' jwassal għal livell ta' żokkor li jkun għoli wisq jew baxx wisq.
- NovoRapid PumpCart huwa lest għall-użu direttament fil-pompa.
- NovoRapid PumpCart fih 1.6 ml ta' soluzzjoni ta' insulin aspart, ekwivalenti għal 160 unità.
- Dan il-prodott mediċinali m'għandu qatt jitħallat ma' xi prodotti mediċinali oħra.
- Terġax timla in-NovoRapid PumpCart mill-ġdid. Ladarba jiżvojta, għandu jintrema.
- Assigura ruħek li dejjem ikollok NovoRapid PumpCart żejjed disponibbli.
- Biex tkun ċert li qed/a tieħu d-doża korretta, NovoRapid PumpCart m'għandux jintuża f'pinna tal-insulina.
- NovoRapid PumpCart għandu jiġi protett mis-sħana eċċessiva u mid-dawl tax-xemx waqt li jkun qed jinħażen u waqt l-użu.
- NovoRapid PumpCart għandu jinżamm fejn ma jintlaħaqx minn persuni oħra, speċjalment it-tfal.




## 1. Qabel ma ddaħħal skartoċċ ta' NovoRapid PumpCart fil-pompa tiegħek

- Ġib NovoRapid PumpCart għat-temperatura tal-kamra.
- Oħroġ NovoRapid PumpCart mill-pakkett tiegħu.

- Iċċekkja t-tikketta sabiex taċċerta li huwa NovoRapid PumpCart.
- Iċċekkja d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq it-tikketta u l-kartuna.

Dejjem iċċekkja li NovoRapid PumpCart jidher kif suppost. Ara stampa A.
In-naħa ta' fuq tal-planġer biss għandu jidher minn fuq l-istrixxa l-bajda tat-tikketta. Jekk taħseb li NovoRapid PumpCart għandu xi ħsara, ħudu lura għand il-fornitur tiegħek.
**Tużahx** jekk tara li għandu xi ħsara jew qed iqattar jew jekk il-planġer ikun mexa, tant li tkun tista' tara l-qiegħ tal-planġer aktar 'il fuq mill-istrixxa bajda ta' tikketta. Dan jista' jkun minħabba li tkun ħarġet xi ftit insulina.

Iċċekkja li l-insulina fin-NovoRapid PumpCart hija ċara u bla kulur. Jekk l-insulina tidher imdardra, tużax in-NovoRapid PumpCart.L-iskartoċċ jista' jkollu ammont żgħir ta' arja f'forma ta' bżieżaq żgħar

## 2. Biex iddaħħal skartoċċ ġdid ta' NovoRapid PumpCart fil-pompa tiegħek

- Segwi l-istruzzjonijiet għall-utent fil-manwal tal-pompa li jiġi mal-pompa tiegħek biex iddaħħal skartoċċ ġdid ta' NovoRapid PumpCart ġol-pompa tiegħek.
- Daħħal skartoċċ ġdid ta' NovoRapid PumpCart fil-kompartiment tal-iskartoċċ tal-pompa. L-ewwel jidħol il-planġer.
- Qabbad is-sett tal-infużjoni man-NovoRapid PumpCart billi twaħħal l-adapter mal-pompa tiegħek.

Iċċekkja l-pompa u l-iskartoċċ b'mod regolari għal xi ħsarat, per eżempju xquq jew telf ta' likwidu. Jekk ixxomm l-insulina din ukoll tista' tindika xi telf ta' likwidu. **Tużax** l-iskartoċċ jekk jidhru xi xquq jew telf ta' likwidu. Segwi l-istruzzjonijiet fil-manwal tal-pompa sabiex tbiddel skartoċċ u biex tnaddaf il-kompartament tal-iskartoċċ fil-pompa. Telf tal-insulina jista' jikkawża dożaġġ li ma jkunx preċiż u jista' jwassal għal livell għoli ta' zokkor fid-demm. Ara sezzjoni 4 ċ) tal-fuljett ta' tagħrif.

Matul il-ġurnata u qabel ma torqod iċċekkja sew li l-pompa tiegħek qiegħda tagħti l-insulina u li m'hemm ebda telf ta' likwidu. In-nuqqas ta' forniment tal-insulina tiegħek **tista' ma tirriżultax** f'notifikazzjoni ta' allarm u tista' ma tindunax li hemm xi problema. Jista' jkollok bżonn tiċċekkja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek. Għid lit-tabib jew lit-tim tad-dijabete li qed jieħu ħsiebek jekk taħseb li għandek xi problema bil-forniment tal-insulina tiegħek.

Dejjem aċċerta ruħek li jkollok disponibbli metodu alternattiv ta' forniment għall-insulina tiegħek (per eżempju , injettatur ta' pinna) f'każ li l-pompa tieqaf taħdem. **Fittex parir mediku jekk taħseb li jista' jkollok livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm jew ketoaċidożi dijabetika**

## 3. Biex tneħħi skartoċċ vojt ta' NovoRapid PumpCart mill-pompa tiegħek

- Segwi l-istruzzjonijiet fil-manwal tal-pompa biex tneħħi skartoċċ vojt ta' NovoRapid PumpCart mill-pompa tiegħek.
- Neħħi l-adapter tas-sett tal-infużjoni minn mal-iskartoċċ vojt ta' NovoRapid PumpCart.
- Armi l-iskartoċċ vojt ta' NovoRapid PumpCart u s-sett tal-infużjoni użat skont kif qalulek it-tabib jew l-infermier tiegħek.

- Segwi l-passi kif deskritti f'sezzjonijiet 1 u 2 sabiex tipprepara u ddaħħal NovoRapid PumpCart ġdid fil-pompa tiegħek.